21998A0421(01)

21.4.1998 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ L 118/3

# FTEHIM

## bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Uniti ta' l-Amerika fuq miżuri ta' saħħa biex jipproteġu s-saħħa pubblika u saħħet l-annimali fil-kummerċ ta' annimali ħajjin u prodotti minn annimali

IL-KOMUNITÀ EWROPEA,

bħala parti waħda, u

IL-GVERN TA' L-ISTATI UNITI TA' L-AMERIKA,

bħala l-parti l-oħra,

XEWQANA li jipproteġu s-saħħa pubblika u saħħet l-annimali u jiffaċilitaw il-kummerċ ta' annimali u prodotti minn annimali bejn il-Komunità Ewropea (aktar 'il quddiem imsejħa 'il-Komunità') u l-Istati Uniti ta' l-Amerika (aktar 'il quddiem imsejħa 'l-USA');

IDDEĊIEDEW li jqisu bl-aktar mod komplet ir-riskju tat-tixrid tal-mard ta' l-annimali u tal-miżuri maħsuba biex jikkontrollaw u jeqirdu għalkollox dan il-mard, u b'mod partikolari biex tiġi evitata d-diżordni fil-kummerċ;

FILWAQT LI JIRRIAFFERMAW l-impenn tagħhom lejn id-drittijiet u l-obbligi stabbiliti bil-Ftehim ta' l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ fuq l-applikazzjoni ta' miżuri ta' saħħa u fitosanitarji (aktar 'il quddiem imsejħa 'Il-Ftehim SPS');

Billi l-Partijiet jirrikonoxxu li s-sistemi ta' miżuri tas-saħħa tagħhom huma maħsuba sabiex jindirizzaw objettivi simili fil-provvediment ta' protezzjoni tas-saħħa komparabbli;

FILWAQT LI JOSSERVAW li r-rikonoxximent minn pajjiż importatur tal-miżuri tas-saħħa applikati minn pajjiż esportatur jistu jippermettu effiċjenza akbar fl-utilizzazzjoni ta' riżorsi ta' spezzjoni u verifika;

IDDEĊIDEW li jaslu għal dan il-Ftehim u għal dan il-għan innominaw rispettivment bħala plenipotenzarji tagħhom:

Il-KOMUNITÀ EWROPEA

IL-GVERN TA' L-ISTATI UNITI TA' L-AMERIKA

LI FTIEHMU KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

**Objettiv**

L-objettiv ta' dan il-Ftehim huwa li jiffaċilita l-kummerċ ta' annimali ħajjin u prodotti minn annimali bejn il-Komunità u l-USA billi jistabbilixxi mekkaniżmu għar-rikonoxximent ta' l-ekwivalenza ta' miżuri tas-saħħa applikati minn Parti b'mod konsistenti mal-protezzjoni tas-saħħa pubblika u saħħet l-annimali, u li jtejjeb il-komunikazzjoni u l-kooperazzjoni dwar miżuri ta' saħħa.

*Artikolu 2*

**Obbligi Multilaterali**

Xejn f'dan il-Ftehim m'għandu jillimita d-drittijiet jew l-obbligi tal-Partijiet skond il-Ftehim li jistabbilixxi l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ u l-Annessi tiegħu, b'mod partikolari l-Ftehim SPS.

*Artikolu 3*

**Kamp ta' Applikazzjoni**

1. Dan il-Ftehim għandu inizjalment ikun limitat għall-miżuri tas-saħħa applikati minn waħda jew oħra mill-Partijiet għall-annimali ħajjin u prodotti minn annimali elenkati fl-Anness I, għajr kif provdut fil-paragrafu 2.

2. Jekk ma jiġix speċifikat mod ieħor fid-dispożizzjonijiet mogħtija fl-Annessi ta' dan il-Ftehim, dan il-Ftehim m'għandux jgħodd għal miżuri tas-saħħa relatati ma' addittivi għal ma' l-ikel, għajnuniet għall-ipproċessar, ħwawar, addittivi tal-kulur, timbri ta' saħħa, irradjazzjoni (jonizzazzjoni), sustanzi li jikkontaminaw (inklużi pestiċidi, residwi kimiċi, mikotossini, tossini naturali, sustanzi fiżiċi li jikkontaminaw u residwi ta' mediċini veterinarji), kimiċi li joriginaw mill-ħruġ ta' sustanzi mill-materjali tal-pakkettjar; tikkettjar ta' oġġetti ta' l-ikel (inkluż tikkettjar ta' nutriment); addittivi għal ma' l-għalf, għalf minn annimali, għalf immedikat u għalf imħallat minn qabel.

3. Il-Partijiet jistgħu jifthiemu li jimmodofikaw dan il-Ftehim fil-futur biex jestendu l-applikazzoni tiegħu għal miżuri oħra ta' saħħa u fitosanitarji li jaffettwaw il-kummerċ bejn il-Partijiet.

*Artikolu 4*

**Awtoritajiet regolatorji**

1. Il-USA: l-awtorità regolatorja għall-importazzjoni u l-esportazzjoni ta' annimali ħajjin u prodotti minn annimali hija kif deskritta fil-parti A ta' l-Anness II.

2. Il-Komunità: il-kontroll f'affarijiet veterinarji huwa kif deskritt fil-parti B ta' l-Anness II.

*Artikolu 5*

**Definizzjonijiet**

Għall-iskopijiet ta' dan il-Ftehim għandhom jgħoddu d-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) 'miżuri ta' saħħa' ifissru l-miżuri ta' saħħa definiti fl-Anness A, paragrafu 1, tal-Ftehim SPS u li jidħlu fl-ambitu tal-Ftehim preżenti. Referenzi għal miżuri ta' saħħa jistgħu jkopru miżuri ta' saħħa individwali jew gruppi ta' miżuri għal kategoriji, setturi, jew partijiet minn setturi ta' prodotti, kif xieraq;

(b) 'livell xieraq ta' protezzjoni tas-saħħa' ifisser il-livell xieraq ta' protezzjoni tas-saħħa definit fl-Anness A, paragrafu 5, tal-Ftehim SPS;

(ċ) 'reġjun' ifisser żoni jew reġjuni kif definiti fil-Kodiċi ta' Saħħet l-Annimali ta' l-Uffiċċju Internazzjonali ta' l-Epiżutiji (OIE), u għall-akwakultura kif definiti fil-Kodiċi Internazzjonali ta' Saħħet l-Annimali Akwatiċi (OIE);

(d) 'Ftehim' ifisser it-test intier ta' dan il-Ftehim u l-Annessi kollha tiegħu.

*L-Artikolu 6*

**L-istatus ta' saħħet l-annimali**

1. Għal skopijiet ta' kummerċ, il-Parti li timporta għandha tirrikonoxxi l-istatus ta' saħħa tar-reġjuni kif definit mill-Parti li tesporta, fir-rigward tal-mardiet ta' l-annimali u ta' l-akwakultura speċifikati fl-Anness III.

2. Il-Parti li timporta għandha tirrikonoxxi d-deċiżjonijiet dwar taqsim f'reġjuni li tieħu l-Parti li tesporta skond il-kriterji mogħtija fl-Anness IV bħala l-bażi ta' kummerċ minn Parti fejn żona tkun affettwata minn waħda jew aktar mill-mardiet elenkati fl-Anness III.

3. Fejn Parti tikkonsidra li għandha status speċjali fir-rigward ta' marda speċifika li m'hix waħda minn dawk fl-Anness III, din tista' titlob rikonoxximent ta' dan l-istatus. Il-parti li timporta tista' titlob ukoll garanziji addizzjonali fir-rigward ta' importazzjoni ta' annimali ħajjin u prodotti minn annimali, li jkunu adattati għall-istatus miftiehem. Il-garanziji għal mardiet speċifiċi huma speċifikati fl-Anness V.

Il-Parti li tesporta għandha, jekk tkun mitluba mill-Parti li timporta, tipprovdi spjega sħiħa u data li ssostni r-riżoluzzjonijiet u deċiżjonijiet koperti b'dan l-Artikolu. Il-Parti li timporta tista', fejn jinħtieġ għall-protezzjoni ta' saħħet l-annimali, tinvoka d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 12.

*Artikolu 7*

**Ekwivalenza**

1. Biex jiddeċiedu jekk miżura ta saħħa meħuda minn Parti li tesporta twassalx għall-livell adattat ta' protezzjoni tas-saħħa tal-Parti li timporta, il-Partijiet għandhom isegwu proċess konsultattiv li jinkludi l-passi li ġejjin:

(i) identifikazzjoni tal-miżura ta' saħħa li għaliha jkun qed jitfittex l-għarfien ta' l-ekwivalenza;

(ii) spjega mill-Parti li timporta ta' l-objettiv tal-miżura ta' saħħa tagħha, inkluża stima, skond iċ-ċirkustanzi, tar-riskju jew riskji li l-miżura tas-saħħa tkun maħsuba li tindirizza, u identifikazzjoni mill-Parti li timporta tal-livell adattat ta' protezzjoni tas-saħħa tagħha;

(iii) turija mill-Parti li tesporta li l-miżura ta' saħħa tagħha tilħaq il-livell adattat ta' protezzjoni tas-saħħa tal-Parti li timporta;

(iv) determinazzjoni minn-naħa tal-Parti li timporta jekk miżura ta' saħħa tilħaqx il-livell adattat tagħha ta' protezzjoni tas-saħħa wara li tikkonsidra diversi fatturi, inklużi fejn xieraq:

(a) ir-riskji identifikati mill-Parti li timporta u l-provi pprovduti mill-Parti li tesporta li l-miżuri ta' saħħa in kwestjoni jindirizzaw dawn ir-riskji b'mod effettiv;

(b) id-dispożizzjonijiet fil-leġislazzjoni tal-Parti li tesporta u r-regolamenti li jirrigwardaw standards, proċeduri, politiki, infrastruttura, infurzar u kontroll;

(ċ) il-poteri ta' l-awtoritajiet regolatorji tal-Parti li tesporta u l-istrutturi tagħhom, inklużi l-organizzazzjoni (l-istruttura tat-tmexxija?), il-*modus operandi*, u r-riżorsi tagħhom;

(d) il-provi pprovduti mill-Parti li tesporta ta' l-effikaċja tal-programmi ta' infurzar u kontroll tagħha.

Il-Parti li timporta tista' tagħmel verifika, kif stabbilit fl-Artikolu 9, biex tgħin f'din id-determinazzjoni.

2. Fil-proċess konsultattiv deskritt fil-paragrafu 1, u meta jistabbilixxu l-kondizzjonijiet tal-kummerċ riferiti fl-Artikolu 8(2)(b), il-Partijiet għandhom iqisu l-esperjenza u l-informazzjoni li jkunu diġà kisbu.

3. Xogħol waqt, jew it-tmiem tal-proċess konsultattiv għal kategorija waħda ta' prodott, settur jew parti minn settur m'għandhomx jiddependu jew jiddewwmu b'xogħol fuq xi kategorija oħra ta' prodott, settur, jew parti minn settur.

4. Id-determinazzjoni finali dwar jekk miżura ta' saħħa applikata minn Parti li tesporta tilħaqx il-livell adattat ta' protezzjoni tas-saħħa tal-Parti li timporta tagħmilha biss il-Parti li timporta filwaqt li taġixxi b'konformità mal-qafas amministrattiv u leġislattiv tagħha.

*Artikolu 8*

## L-istatus tal-konsultazzjonijiet

1. L-Anness V jelenka l-kategoriji, setturi u partijiet minn setturi ta' annimali ħajjin u prodotti minn annimali, u għal kull kategorija, settur jew parti minn settur minn dawn, jindika l-istatus tal-konsultazzjonijiet li jirrigwardaw ir-rikonoxximent ta' l-ekwivalenza tal-miżuri ta' saħħa ta' Parti u l-kondizzjonijiet tal-kummerċ applikabbli.

2. (a) Fir-rigward ta' miżuri ta' saħħa rikonoxxuti bħala ekwivalenti għal skopijiet ta' kummerċ fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, kull Parti, fil-qafas tar-responsabbiltajiet tagħha, għandha, fi żmien tliet xhur, tibda l-azzjonijiet leġislattivi u amministrattivi meħtieġa biex timplimenta dawn ir-rikonoxximenti. Għal miżuri ta' saħħa li jkunu se jiġu rikonoxxuti bħala ekwivalenti fil-futur, kull Parti għandha tieħu il-passi meħtieġa fil-pront biex timplimenta r-rikonoxximenti.

(b) Fejn il-kondizzjonijiet kummerċjali speċifikati fl-Anness V jinkludu kondizzjonijiet speċjali mitluba mill-Parti li timporta biex jilħqu l-livell ta' protezzjoni adattat tagħha, il-kummerċ għandu jsir meta l-Parti li tesporta tissodisfa l-kondizzjonijiet tal-Parti li timporta, bla ħsara għall-proċess konsultattiv li jkun għadu għaddej.

3. Il-Partijiet għandhom jieħdu l-azzjonijiet rispettivi mogħtija fl-Anness V, filwaqt li jqisu t-temmiet taż-żmien li jridu jimmiraw għalihom fil-każ ta' kull kategorija, settur, jew parti minn settur ta' prodotti biex, fejn hu possibbli, jaslu għar-rikonoxximent ta' l-ekwivalenza, u jiffaċilitaw il-kummerċ.

4. L-Anness V jista' jiġi modifikat skond l-Artikoli 14(2) u 16(2) biex jirrifletti tibdiliet magħmula minn kull Parti fir-rikonoxximenti jew kondizzjonijiet kummerċjali.

*Artikolu 9*

## Dispożizzjonijiet għall-verifika

1. Id-determinazzjoni tan-natura u l-frekwenza tal-kontrolli li jridu jsiru fl-importazzjoni ta' annimali ħajjin u prodotti minn annimali fil-fruntieri esterni tagħmilha l-Parti li timporta biss. L-Anness VII jinkludi l-prinċipji li għandhom jiggwidaw dawn il-kontrolli fuq il-fruntiera.

2. Barra milli tagħmel il-kontrolli fuq il-fruntiera esterna, il-Parti li timporta tista' tivverifika l-konformità mad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim billi tapplika proċeduri li jistgħu jinkludu, iżda m'humiex limitati għal:

(a) stima tal-programm totali ta' kontroll, jew parti minnu, tal-Parti li tesporta, inkluża, fejn xieraq, analiżi tal-programmi ta' spezzjoni u verifika tal-Parti li tesporta,

u

(b) kontrolli u spezzjonijiet fuq il-post.

3. Il-Komunità trid tesegwixxi l-proċeduri ta' verifika provduti fil-paragrafu 2. L-agenziji ta' l-Istati Uniti identifikati fl-Anness II għandhom jiffaċilitaw it-twettiq ta' dawn il-proċeduri ta' verifika mill-Komunità.

4. L-agenziji ta' l-Istati Uniti identifikati fl-Anness II iridu jesegwixxu l-proċeduri ta' verifika provduti fil-paragrafu 2. Il-Komunità għandha tiffaċilita t-twettiq ta' dawn il-proċeduri ta' verifika minn dawn l-aġenziji.

5. Bil-kunsens reċiproku tal-Partijiet f'dan il-Ftehim, waħda jew l-oħra mill-Partijiet jistgħu:

(a) jaqsmu r-riżultati u l-konklużjonijiet tal-proċeduri ta' verifika tagħhom ma' pajjiżi li m'humiex partijiet f'dan il-Ftehim,

jew

(b) jużaw ir-riżultati u l-konklużjonijiet ta' proċeduri ta' verifika esegwiti minn pajjiżi li m'humiex partijiet f'dan il-Ftehim.

6. Kull Parti għandha tesegwixxi l-proċeduri ta' verifika b'konformità ma' l-Anness VI. Il-Partijiet jistgħu jaqblu bejniethom biex jimmodifikaw l-Anness VI, filwaqt li jqisu kif jixraq xogħol relevanti mwettaq minn organizzazzjonijiet internazzjonali.

*Artikolu 10*

**Skambju ta' informazzjoni**

1. Il-Partjiet għandhom jiskambjaw informazzjoni fuq bażi uniformi u sistematika biex itejjbu l-komunikazzjoni, inisslu fiduċja reċiproka, u biex juru l-effikaċja tal-programmi li jikkontrollaw. Fejn xieraq dan jistgħa jissostna bi skambju ta' uffiċjali bejn il-Partijiet.

2. Il-Partijiet għandhom jinnotifikaw lil xulxin proposti biex jintroduċu miżuri ta' saħħa ġodda jew biex ibiddlu miżuri ta' saħħa eżistenti, u għandhom jipprovdu l-opportunità għal kummenti fuq dawn il-proposti.

3. Barra minn informazzjoni fuq tibdil f'miżuri ta' saħħa, jew biex ibiddlu miżuri ta' saħħa eżistenti, il-Partijiet għandhom jiskambjaw ukoll informazzjoni fuq suġġetti relevanti oħra, inklużi:

— żviluppi kurrenti li jaffettwaw il-kummerċ ta' annimali ħajjin u prodotti minn annimali,

— ir-riżultati tal-kontrolli u proċeduri ta' verifika provduti fl-Artikolu 9.

4. Fejn Parti tistabbilixxi, għandha, jew tirrikonoxxi kumitat xjentifiku, kummissjoni, grupp ta' esperti jew entità oħra simili li għandhom il-kompetenza biex jistudjaw kwistjonijiet relevanti għal dan il-Ftehim, din il-Parti għandha tiżgura konsiderazzjoni f'waqtha u risposta għad-dokumenti jew studji xjentifiċi relevanti sottomessi mill-Parti l-oħra.

5. Il-Partijiet jaqblu li jistabbilixxu mezz xieraq għall-iskambju ta' informazzjoni fuq konsenji importati li ma jiġux aċċettati, informazzjoni relevanti relatata ma' spezzjoni, u kwistjonijiet oħra problematiċi li jirrigwardaw is-saħħa pubblika jew saħħet l-annimali.

6. Il-punti ta' kuntatt għal dan l-iskambju ta' informazzjoni huma mogħtija fl-Anness IX.

*Artikolu 11*

**Notifikazzjoni**

1. Il-Partijet għandhom jinnotifikaw lil xulxin:

(a) immedjatament b'komunikazzjoni orali segwita b'komunikazzjoni bil-miktub fi żmien 24 siegħa: b'kull riskju serju jew sinifikanti għas-saħħa pubblika jew għal saħħet l-annimali, inklużi notevolment kull emerġenza ta' kontroll ta' l-ikel jew sitwazzjonijiet fejn ikun indikat b'mod ċar riskju ta' effetti serji fuq is-saħħa assoċjati mal-konsum ta' prodotti minn annimali;

(b) bil-miktub fi żmien 24 siegħa: bil-preżenza jew l-evoluzzjoni ta' kull marda elenkata fl-Anness III;

(ċ) bla dewmien u bil-miktub: b'kull tibdil sinifikanti fl-istatus ta' saħħet l-annimali jew tisjib ta' importanza epidemjoloġika fir-rigward ta' mard li m'hux elenkat fl-Anness III; b'tibdil fil-politiki ta' prevenzjoni, inklużi politiki ta' vaċċinazzjoni; jew b'kull miżura mhux ta' rutina meħuda biex tipproteġi s-saħħa pubblika jew biex tikkontrolla jew teqred il-mard fl-annimali.

2. Dawn in-notifikazzjonijiet għandhom isiru lill-punti ta' kuntatt mogħtija fl-Anness IX.

3. Fejn waħda jew oħra mill-Partijiet ikollhom tħassib serju fir-rigward ta' riskju għas-saħħa pubblika jew saħħet l-annimali, fuq it-talba tal-Parti involuta għandhom isiru konsultazzjonijiet mill-aktar fis dwar is-sitwazzjoni, u f'kull każ fi żmien 14 il-jum. F'sitwazzjonijiet bħal dawn, kull Parti għandha tagħmel ħilitha biex tipprovdi l-informazzjoni kollha meħtieġa biex tevitaa l-isfaxxar tal-kummerċ, u biex tasal għal soluzzjoni aċċettabbli għat-tnejn li tkun konsistenti mal-protezzjoni tas-saħħa pubblika jew ta' saħħet l-annimali.

*Artikolu 12*

**Salvagwardji**

Waħda jew oħra mill-Partijiet jistgħu jieħdu miżuri provviżorji neċessarji għall-protezzjoni tas-saħħa pubblika jew ta' saħħet l-annimali. Dawn il-miżuri għandhom jiġu notifikati lill-Parti l-oħra fi żmien 24 siegħa u, jekk issir talba, konsultazzjonijiet dwar is-sitwazzjoni għandhom isiru fi żmien 14 il-jum. Il-Partijiet gandhom iqisu kif jixraq kull informazzjoni li tiġi provduta permezz ta' dawn il-konsultazzjonijiet, u għandhom jagħmlu ħilithom biex jevitaw diżordni li m'hemmx bżonnha fil-kummerċ, filwaqt li japprofittaw ruħhom fejn hu possibbli mid-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 11(3).

*Artikolu 13*

**Kwistjonijiet oħra**

Il-prinċipji ta' dan il-Ftehim għandhom jgħoddu wkoll għal kwistjonijiet oħra elenkati fl-Anness VIII. Modifiki għandhom isiru f'dan l-Anness u, fejn applikabbli, f'L-Annessi oħra biex jitqiesu l-progress li jkun sar u kwistjonijiet ġodda li jkunu ġew identifikati.

*L-Artikolu 14*

**Kumitat ta' Ġestjoni Konġunt**

1. Kumitat ta' ġestjoni konġunt (aktar 'il quddiem imsejjaħ 'il-Kumitat'), li jikkonsisti f'rappreżentattivi tal-USA u tal-Komunità, huwa b'dan stabbilit biex jiggwida l-attivitajiet li jsiru skond dan il-Ftehim. Il-Kumitat għandu jiltaqa' fi żmien sena mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim u minn ta' l-anqas kull sena minn hemm 'il quddiem. Il-kumitat jista' ukoll jindirizza kwistjonijiet barra mis-sessjonijiet permezz ta' korrispondenza.

2. Il-Kumitat għandu, minn ta' l-anqas darba fis-sena janalizza mill-ġdid l-Annessi ta' dan il-Ftehim. Kif xieraq, din l-analiżi għandha tqis il-progress li jkun sar fil-proċess konsultattiv li jkun għadu għaddej lejn ir-rikonoxximent mill-Parti li timporta ta' l-ekwivalenza tal-miżuri sanitarji tal-Parti li tesporta u l-progress fit-twettiq ta' l-azzjonijiet indikati fl-Anness V. Il-Kumitat jista' jirrakkomanda tibdil fl-Annessi.

3. Il-Partijiet jaqblu li jistabbilixxu gruppi ta' ħidma tekniċi, li jkunu magħmulin minn rappreżentanti f'livell ta' esperti tal-USA u tal-Komunità, li għandhom jidentifikaw u jindirizzaw il-kwistjonijiet tekniċi u xjentifiċi li joħorġu minn dan il-Ftehim.

Meta tinħtieġ kompetenza addizzjonali, il-Partijiet jistgħu jistabbilixxu wkoll gruppi ta' ħidma tekniċi *ad hoc*, notevolment gruppi xjentifiċi, li l-membri tagħhom mhux neċessarjament ikunu rappreżentanti tal-Partijiet.

*Artikolu 15*

**Applikazzjoni territorjali**

Dan il-Ftehim għandu jgħodd, min-naħa l-waħda, għat-territorji fejn japplika t-Trattat li jistabilixxi l-Komunità Ewropea u bil-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan it-Trattat, u min-naħa l-oħra, għall-Istati Uniti ta' l-Amerika fir-rigward tat-territorju kollu tagħha.

*Artikolu 16*

**Dispożizzjonijiet finali**

1. Dan il-Ftehim għandu jiġi approvat mill-Partijiet skond il-proċeduri rispettivi tagħhom.

Dan il-Ftehim għandu jidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tax-xahar ta' wara d-data meta l-Partijiet jinnotifikaw lil-xulxin li l-proċeduri msemmija fis-subparagrafu ta' qabel ikunu twettqu.

2. Kull-Parti għandha timplimenta l-impenji u l-obbligi ta' dan il-Ftehim b'konformità mal-liġijiet u proċeduri tiegħu. Kull tibdil maqbul mill-Partijiet fl-Annessi ta' dan il-Ftehim għandu għalhekk jiġi implimentat.

3. Waħda jew oħra mill-Partijiet jistgħu jipproponu modifiki għal dan il-Ftehim f'kull żmien. Waħda jew oħra mill-Partijiet jistgħu, b'avviż ta' sitt xhur, jirtiraw mill-Ftehim.

4. Dan il-Ftehim għandu jiġi mfassal f'żewġ kopji bl-Ingliż, u kull wieħed minn dawn iż-żewġ testijiet ikun ugwalment awtentiku.

| *Għall-Komunità Ewropea* | *Għall-Gvern ta' l-Istati Uniti ta' l-Amerika* |
| --- | --- |

**L-Annessi**


| | |
|---|---|
| L-ANNESS I | Prodotti koperti |
| L-ANNESS II | Awtoritajiet Regolatorji |
| L-ANNESS III | Lista ta' mardiet li għalihom hija eikonoxxuta l-libertà reġjonali |
| L-ANNESS IV | Taqsim f'żoni u reġjuni |
| L-ANNESS V | Rikonoxximent ta' miżuri ta' saħħa |
| L-ANNESS VI | Linji-gwida għall-amministrazzjoni ta' verifika |
| L-ANNESS VII | Kontrolli fuq il-fruntiera |
| L-ANNESS VIII | Kwistjonijiet oħra |
| L-ANNESS IX | Punti ta' kuntatt |

*L-ANNESS I*

**PRODOTTI KOPERTI**

| Linja tat-tariffa | Deskrizzjoni ġenerali ([1]) |
|---|---|
| 01 | Annimali ħajjin |
| 02 | Laħam, u interjuri tal-laħam li jittieklu |
| 03 | Ħut u krustaċji, molluski u invertebrati oħra akwatiċi |
| 04 | Prodotti mill-ħalib; bajd ta' l-għasafar; għasel naturali; prodotti li joriġinaw minn annimali u li huma tajbin għall-ikel, li m'humiex speċifikati jew inklużi x'imkien ieħor |
| 05 | Prodotti li joriġinaw minn annimali, li m'humiex speċifikati jew inklużi x'imkien ieħor, minbarra prodotti ta' oriġini umana |
| 1501 | Lardu; xaħam ieħor tal-majjal u tat-tjur, imdewweb |
| 1502 | Xaħmijiet minn annimali bovini, nagħaġ jew mogħoż |
| 1503 | Stearina tal-lardu, żejt tal-lardu, oleostearina, oleożejt u żejt mix-xaħam tad-dam |
| 1504 | Xaħmijiet u żjut u l-frazzjonijiet tagħhom, tal-ħut u mammali marini |
| 1505 | Grass tas-suf u sustanzi xaħmin derivati minnu (inkluż il-lanolin) |
| 1506 | Xaħmijiet u żjut oħra mill-annimali u l-frazzjonijiet tagħhom |
| 1516 10 | Xaħmijiet u żjut minn annimali u l-frazzjonijiet tagħhom |
| 1517 | Marġerina; taħlitiet jew preparazzjonijiet li huma tajbin għall-ikel ta' xaħmijiet jew żjut minn annimali jew veġetali, minbarra prodotti bħal dawn li jikkonsistu biss f'xaħmijiet jew żjut veġetali jew il-frazzjonijiet tagħhom |
| 1518 | Xaħmijiet jew żjut minn annimali jew veġetali; taħlitiet jew preparazzjonijiet li m'humiex tajbin għall-ikel ta' xaħmijiet jew żjut minn annimali jew ħxejjex jew frazzjonijiet ta' xaħmijiet jew żjut differenti tal-Kapitolu 15, li m'humiex speċifikati jew inklużi x'imkien ieħor, minbarra prodotti bħal dawn li jikkonsistu biss f'xaħmijiet jew żjut veġetali jew il-frazzjonijiet tagħhom |
| 1522 | *Degras*; residwi li jirriżultaw mill-proċessar ta' sustanzi xaħmin jew xama' minn annimali jew veġetali, minbarra prodotti bħal dawn li jikkonsistu biss f'materjal li ma joriġinax minn annimali |
| 16 | Preparazzjonijiet bil-laħam, bil-ħut, jew bil-krustaċji, molluski jew invertebrati akwatiċi oħra |
| 1702 10 | Lattosju u xiropp tal-lattosju |
| 1901 | Estratt tal-*malt*; preparazzjonijiet ta' l-ikel mid-dqiq, smida, lamtu jew estratt tal-*malt*; preparazzjonijiet ta' l-ikel minn prodotti ta' l-intestaturi Nri 0401 sa 0404, li m'humiex speċifikati jew inklużi x'imkien ieħor; minbarra prodotti bħal dawn li jikkonsistu biss f'materjal li ma joriġinax minn annimali |
| 1902 | Għaġin, kemm jekk misjur jew mimli (bil-laħam jew sustanzi oħra), kemm jekk m'hux, jew preparat mod ieħor; kuskus, preparat jew le; minbarra prodotti bħal dawn li jikkonsistu biss fi prodotti li ma joriġinawx minn annimali |
| 2104 | Sopop u brodijiet u preparazzjonijiet għal dawn; preparazzjonijiet ta' l-ikel omoġenizzati u komposti; minbarra prodotti bħal dawn li jikkonsistu biss fi prodotti li ma joriġinawx minn annimali |
| 2105 | Ġelat u silġ ieħor tajjeb għall-ikel, kemm jekk jinkludu kawkaw, kemm jekk le; minbarra prodotti bħal dawn li jikkonsistu biss fi prodotti li ma joriġinawx minn annimali |
| 2106 | Preparazzjonijiet ta' l-ikel mhux speċifikati jew inklużi x'imkien ieħor; minbarra prodotti bħal dawn li jikkonsistu biss fi prodotti li ma joriġinawx minn annimali |

| Linja tat-tariffa | Deskrizzjoni ġenerali [1] |
|---|---|
| 2301 | Dqiqijiet, smidiet u gerbubi, tal-laħam jew ta' l-interjuri tal-laħam, tal-ħut jew tal-krustaċji, molluski jew invertebrati akwatiċi oħra, mhux tajbin għall-konsum tan-nies; qrieqeċ; minbarra prodotti bħal dawn li jikkonsistu biss fi prodotti li ma joriġinawx minn annimali |
| 2309 | Preparazzjonijiet tat-tip li jintużaw fl-għalf ta' l-annimali; minbarra prodotti bħal dawn li jikkonsistu biss fi prodotti li ma joriġinawx minn annimali |
| 3001 | Glandoli u organi oħra għal użu organoterapewtiku; eparina u l-l-imlieħi tagħha; sustanzi oħra minn annimali preparati għal użu terapewtiku jew profilattiku; minbarra prodotti bħal dawn ta' oriġini umana |
| 3002 | Demm ta' l-annimali preparat għal użu terapewtiku, profilattiku jew dijanjostiku; antisera u frazzjonijiet tad-demm oħra; vaċċini, tossini, kolturi ta' mikroorganiżmi (esklużi fungi) u prodotti simili |
| 3101 | Fertilizzanti minn annimali jew veġetali, minbarra prodotti bħal dawn li jikkonsistu biss fi prodotti li ma joriġinawx minn annimali |
| 3501 | Kaseina, kaseinati u derivattivi oħra mill-kaseina; kolla tal-kaseina |
| 3502 | Albumini, albuminati u derivattivi oħra ta' l-albumina |
| 3503 | Ġelatina u derivattivi tal-ġelatina; *isinglass*; kolla oħra li toriġina minn annimali, minbarra kolla tal-kaseina ta' l-intestatura Nru 3501 |
| 3504 | Peptuni u d-derivattivi tagħhom; sustanzi tal-proteina oħra u d-derivattivi tagħhom, li m'humiex speċifikati jew inklużi x'imkien ieħor; trab tal-ġild, ikkromat jew le |
| 3507 | Enżimi; minbarra prodotti bħal dawn li jikkonsistu biss fi prodotti li ma joriġinawx minn annimali |
| 4101 | Ġlud mhux ikkunzati ta' annimali bovini jew ekwini |
| 4102 | Ġlud mhux ikkunzati ta' nagħaġ jew ħrief |
| 4103 | Ġlud oħra mhux ikkunzati |
| 4301 | Ġlud mhux ikkunzati ta' annimali bil-pil |
| 5101 | Suf |
| 5102 | Xagħar fin jew oħxon ta' l-annimali |
| 5103 | Skart tas-suf jew tax-xagħar fin jew oħxon ta' l-annimali |
| 5105 | Suf u xagħar fin jew oħxon ta' l-annimali |
| 9705 | Kollezzjonijiet u oġġetti tal-kollezzjoni ta' interess żooloġiku |

[1] Għal deskrizzjoni definittiva rreferi għall-kodiċi tat-tariffi.

*L-ANNESS II*

**AWTORITAJIET REGOLATORJU**

A. ***L-ISTATI UNITI TA' L-AMERIKA***

I. L-AWTORITÀ TA' KONTROLL TAL-USA

L-aġenziji federali elenkati f'din it-taqsima huma responsabbli sew għal prodotti fabbrikati domestikament u sew għal prodotti importati, jekk ma jkunx indikat mod ieħor.Fir-rigward ta' importazzjoni fil-USA, dawn l-aġenziji huma responsabbli:

— għall-iċċekkjar fuq il-fruntiera provdut fil-Ftehim,

— għall-konsultazzjonijiet provduti skond l-Artikolu 7 tal-Ftehim,

— għall-proċeduri ta' verifika provduti fl-Artikolu 9 tal-Ftehim,

— għall-iskambju ta' informazzjoni provdut fl-Artikolu 10, in-notifiki provduti fl-Artikolu 11, u s-salvagwardji provduti fl-Artikolu 12 tal-Ftehim.

Fir-rigward ta' esportazzjoni mill-USA, jekk ma jkunx indikat mod ieħor, dawn l-aġenziji huma responsabbli:

— għall-kontroll taċ-ċirkustanzi tal-produzzjoni u proċessar domestiċi,

— għall-għoti ta' informazzjoni rigward konformità mal-ħtiġiet regolatorji mifthiema,

— għall-għoti tal-garanziji addizzjonali miftiehma,

— għall-konsultazzjonijiet provduti skond l-Artikolu 7 ta' dan il-Ftehim,

— għall-iskambju ta' informazzjoni provdut fl-Artikolu 10, in-notifiki provduti fl-Artikolu 11, u s-salvagwardji provduti fl-Artikolu 12 tal-Ftehim.

A. **Kontroll ta' saħħet l-annimali**

1. *Mardiet ta' l-annimali/parassiti*

(a) Annimali ħajjin (inklużi naħal ta' l-apikultura), embrijoni, ova, semen u prodotti minn annimali - US Department of Agriculture/Animal and Plant Health Inspection Service (USDA/APHIS).

(b) Importazzjoni ta' salmonidi ħajjin, il-gametijiet, u l-ova fertilizzati tagħhom - Department of Interior/Fish and Wildlife Service (DOI/FWS).

(ċ) Importazzjoni ta' salmonidi li ma jkunx tneħħilhom il-ġewwieni - DOI/FWS.

(d) Għalf għall-annimali (inkluż ikel għall-annimali domestiċi)

1. Trasmissjoni ta' mard mill-għalf - USDA/APHIS.
2. Adulterazzjoni, pestiċidi, kontaminazzjoni kimika u mikrobika, addittivi alimentari, sustanzi 'ġeneralment rikonoxxuti bħala siguri' - Food and Drug Administration (FDA).

B. **Kontroll tas-saħħa pubblika**

1. *Laħam u tjur għall-konsum tan-nies*

(a) Laħam frisk u prodotti minn bovini, nagħaġ, ħnieżer, mogħoż u ekwini domestikati, imrobbija u selvaġġi - US Department of Agriculture/Food Safety and Inspection Service (USDA/FSIS) (1).

(b) Laħam frisk u prodotti minn tiġieġ, dundjani, papri, wiżż, u fargħuni domestiċi jew imrobbija - USDA/FSIS (2).

(ċ) Laħam frisk u prodotti minn kaċċa selvaġġa u mrobbija, bl-eċċezzjoni ta' dawk minn IB1(a) u IB1(b) hawn fuq - (FDA).

(d) Laħam frisk u prodotti minn speċijiet li m'humiex imsemmija fuq - FDA.

(e) Infurzar tad-dispożizzjonijiet tal-liġi fuq adulterazzjoni u tal-limiti għal reżidwi ta' mediċini, pestiċidi, metalli tqal, mikotossini, u sustanzi oħra li jikkontaminaw fl-ikel:

1. teħid ta' kampjuni ta' laħam frisk u prodotti minn bovini, nagħaġ, ħnieżer, mogħoż u ekwini domestikati, imrobbija u selvaġġi, u ta' tiġieġ domestikati u mrobbija (inklużi prodotti mill-bajd likwidi, iffriżati u mnixxfa), dundjani, papri, wiżż, u fargħuni - USDA/FSIS;
2. teħid ta' kampjuni ta' laħam frisk u prodotti minn annimali (inkluż għalf għall-annimali) u kontroll tal-laħam frisk u prodotti minn speċijiet oħra - FDA.

2. *Bajd u prodotti mill-bajd*

(a) Bajd bil-qoxra, bajd iebes imsajjar, speċjalitajiet etniċi magħmulin bil-bajd, u prodotti tal-bajd artifiċjali - FDA.

(b) Bajd bil-qoxra (inklużi dawk imxaqqa u maħmuġin) biex jitkissru għall-produzzjoni ta' prodotti tal-bajd likwidi, iffriżati, u mnixxfa (isfra tal-bajd, albumina, jew kull taħlita tagħhom) - USDA/FSIS (3).

3. *Ħalib u l-prodotti tiegħu*

(a) Il-prodotti kollha tal-ħalib - FDA.

4. *Ikel ieħor minn annimali (inklużi prodotti minn ħut u sajd)*

(a) Kull ikel ieħor minn annimali - FDA.

5. *Għalf għall-annimali*

(a) Adulterazzjoni, pestiċidi, kontaminazzjoni kimika u mikrobika, addittivi alimentari, sustanzi 'generalment rikonoxxuti bħala siguri' - FDA.

II. L-AWTORITAJIET KOMPETENTI GĦALL-PROGRAMMI VOLONTARJI

L-aġenziji federali elenkati f'din it-taqsima huma responsabbli għall-programmi ta' spezzjoni u ċertifikazzjoni volontarji għal prodotti domestiċi minn annimali.

Fir-rigward ta' esportazzjoni mill-USA, dawn l-aġenziji huma responsabbli:

— għas-sorveljanza taċ-ċirkustanzi tal-produzzjoni u proċessar domestiċi ta' dawk id-ditti li jipparteċipaw fil-programm volontarju,

— għall-għoti ta' informazzjoni li tirrigwarda konformità mal-ħtiġiet miftiehma lil dawk id-ditti li jipparteċipaw fil-programm volontarju,

— għall-għoti ta' garanziji addizzjonali miftiehma fir-rigward ta' dawk id-ditti li jipparteċipaw fil-programm miftiehem.

A. **Saħħet l-annimali**

1. Ħut minbarra salmonidi u annimali akwatiċi oħra li m'humiex mammali, il-gametijiet, u l-ova fertilizzati tagħhom - USDA/APHIS, Department of Commerce/National Marine Fisheries Service (CommerceNMFS).
2. Salmonidi ħajjin, il-gametijiet, u l-ova fertilizzati tagħhom - USDA/APHIS, Commerce/NMFS.
3. Għalf għall-annimali (inkluż ikel għall-annimali domestiċi) li jinkludi ħut u prodotti tas-sajd - USDA/APHIS, Commerce/NMFS.

B. **Is-saħħa pubblika**

1. Laħam frisk u prodotti tal-laħam(4) minn bisoni, ngħam, emi, tajr tal-familja Rheidae, fniek, ċriev, perniċi u summien - USDA/FSIS.

2. Sriep għall-konsum tan-nies - Commerce/NMFS.

3. Bajd bil-qoxra - USDA/AMS.

4. Frejjeġ imsajjra magħmula minn prodotti tal-bajd, bajd imqatta' f'biċċiet żgħar magħmul minn prodotti tal-bajd - USDA/FSIS.

5. Halib u l-prodotti tiegħu - USDA/AMS.

6. Frott tal-baħar (inkluż frott tal-baħar ħaj) - Commerce/NMFS.

III. AĠENZIJI FEDERALI LI JOĦORĠU Ċ-ĊERTIFIKAZZJONI

Din it-taqsima telenka l-aġenziji nazzjonali tal-USA li joħorġu ċ-ċertifikati ta' esportazzjoni maqbula bejn il-KE u l-USA (5). L-aġenzija ti toħroġ iċ-ċertifikati tista' tkun l-aġenzija tal-kontroll jew aġenzija oħra nazzjonali rikonoxxuta għal dan l-iskop mill-aġenzija tal-kontroll. Aktar minn aġenzija waħda tista' toħroġ ċertifikati għal prodott.

| | DOC/ NMFS | DOI/ FWS | FDA | USDA/ AMS | USDA/ APHIS | USDA/ FSIS |
|---|---|---|---|---|---|---|
| A. Ċertifikazzjonijiet ta' saħħet l-annimali | | | | | | |
| 1. Annimali ħajjin (inklużi naħal ta' l-apikultura), embrijoni, ova, semen, u prodotti li joriġinaw minn annimali | | | | | × | |
| 2. Ħut li m'humiex salmonidi u annimali akwatiċi oħra li m'humiex mammali, il-gametijiet, u l-ova fertilizzati tagħhom | × | | | | × | |
| 3. Salmonidi ħajjin, il-gametijiet, u l-ova fertilizzati tagħhom | × | × | | | × | |
| 4. Għasafar ta' l-ilma selvaġġi | | × | | | | |
| 5. Għalf għall-annimali | × | | | | × | |
| B. Ċertifikazzjonijiet tas-saħħa pubblika | | | | | | |
| 1. Laħam u tjur għall-konsum tan-nies | | | | | | |
| (a) Laħam frisk u prodotti minn bovini domestikati, imrobbija u selvaġġi, nagħaġ, ħnieżer, mogħoż, u ekwini, u tiġieġ domestikati u mrobbija, dundjani, papri, wiżż, u fargħuni | | | | | | × |
| (b) Sriep | × | | × | | | |
| (ċ) Laħam frisk u prodotti minn speċijiet differenti minn dawk imsemmija hawn fuq | | | × | | | × |

| | DOC/ NMFS | DOI/ FWS | FDA | USDA/ AMS | USDA/ APHIS | USDA/ FSIS |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 2. Bajd | | | | | | |
| (a) Bajd bil-qoxra, bajd iebes imsajjar, speċja-litajiet etniċi magħmula bil-bajd u prodotti tal-bajd artifiċjali | | | × | × | | |
| (b) Prodotti tal-bajd likwidi, iffriżati u mnixxfa | | | | | | × |
| 3. Ħalib u l-prodotti tiegħu | | | | | | |
| (a) Butir, ġobon, deżerti iffriżati, u prodotti mill-ħalib imnixxfa | | | × | × | | |
| (b) Ħalib fluwidu | | | × | | | |
| 4. Frott tal-baħar | | | | | | |
| (a) Ħut u prodotti tas-sajd, inklużi żejt tal-ħut, rettili (minbarra sriep), bebbux u anfibji | × | | × | | | |
| (b) Ħut ħaj (inkluż frott tal-baħar bil-qoxra u molluski | × | | × | | | |

B. ***IL-KOMUNITÀ EWROPEA***

Il-kontroll jinqasam bejn is-servizzi nazzjonali fl-Istati Membri individwali u l-Kummissjoni Ewropea. F'dan ir-rigward japplika dan li ġej:

— f'termini ta' esportazzjoni lejn il-USA, l-Istati Membri huma responsabbli għal-kontroll taċ-ċirkustanzi u ħtiġiet tal-produzzjoni, inklużi spezzjonijiet statutarji, u għall-ħruġ ta' ċertifikazzjoni tas-saħħa li tafferma l-istandards u l-ħtiġiet miftiehma,

— il-Kummissjoni Ewropea hija responsabbli għall-koordinazzjoni ġenerali, spezzjonijiet/verifiki tas-sistemi ta' spezzjoni u l-azzjoni leġislattiva meħtieġa biex tiżgura l-applikazzjoni uniformi ta' standards u ħtiġiet fis-Suq Wieħed Ewropew.

*L-ANNESS III*

## LISTA TA’ MARDIET LI GĦALIHOM HIJA RIKONOXXUTA L-LIBERTÀ REĠJONALI

### Mardiet ta’ l-annimali

Il-marda tal-lsien u d-dwiefer

Il-marda vexxikoluża tal-ħnieżer

Il-pesta ta’ l-annimali żgħar li jixtarru

Il-plewroplewmonite li tittieħed fil-mogħoż

Il-pesta tan-nagħaġ u l-mogħoż

Id-deni Afrikan tal-ħnieżer

Enċefalomjelite enterovirali

Il-marda Newcastle

Il-psewdoidrofobija/il-marda ta’ Aujeszky

L-istomatite vexxikoluża

Rinderpest

Il-plewroplewmonite li tittieħed fil-bovini

Bluetongue

Il-marda Afrikana taż-żwiemel

Id-deni tal-ħnieżer klassiku

Il-pesta tat-tjur (influwenza ta’ l-għasafar)

L-Enċefalomjelite ekwina Venezweljana

### Mardiet ta’ l-akwakultura

Il-lista ta’ mardiet ta’ l-akwakultura trid tiġi diskussa aktar bejn il-Partijiet fuq il-bażi tal-Kodoċi Internazzjonali ta’ Saħħet l-Annimali Akwatiċi ta’ l-OIE.

*L-ANNESS IV*

**TAQSIM F'ZONI U REĠJUNI**

Il-Partijiet iddeċiedew flimkien li dan li ġej jifforma l-bażi ta' deċiżjonijiet għal taqsim f'reġjuni għall-mardiet elenkati skond l-Anness III. Kull Parti tirrikonoxxi d-deċiżjonijiet għal taqsim f'reġjuni mittieħda skond l-istandard inkluż f'dan l-Anness.

**Mard ta' l-annimali**

Fl-istima tar-riskju ta' proposta partikolari ta' importazzjoni ta' annimali jew prodotti minn annimali, jistgħu jitqiesu tliet gruppi ta' fatturi:

1. Fatturi ta' riskju assoċjati ma' l-oriġini

2. Fatturi ta' riskju assoċjati mal-prodott

3. Fatturi ta' riskju assoċjati mad-destinazzjoni

*Fatturi ta' riskju assoċjati ma' l-oriġini*

Il-fattur determinanti primarju tar-riskju ta' l-importazzjoni tal-mard huwa l-istatus tal-pajjiż ta' oriġini fir-rigward tal-marda in kwestjoni. Madankollu, dikjarazzjonijiet ta' ħelsien mill-mard iridu jkunu sostnuti bi programmi ta' sorveljanza effettivi.

Għalhekk, il-fattur ta' l-ewwel importanza f'dan il-kuntest huwa l-kwalità ta' l-infrastruttura veterinarja. Ebda fattur ieħor ma jista' jiġi stmat mingħajr fiduċja sħiħa fl-amministrazzjoni veterinarja. B'mod partikolari, il-kapaċità tagħha li tiskopri u tikkontrolla tifqigħa ta' mard u tipprovdi ċertifikazzjoni ta'sinifikat hija kruċjali.

Il-kapaċità li tiskopri l-preżenza tal-mard tiddependi mis-sorveljanza magħmula. Din is-sorveljanza tista' tkun attiva, passiva jew it-tnejn flimkien.

Sorveljanza attiva timplika azzjoni definittiva biex tiġi identifikata l-preżenza tal-mard, bħal spezzjonijiet kliniċi sistematiċi, eżamijiet *ante* u *post mortem*, seroloġija fir-rziezet jew fil-biċċeriji, riferiment ta' materjal patoloġiku għal dijanjosi fil-laboratorju, annimali ta' referenza.

Sorveljanza passiva tfisser li l-marda trid tkun notifikata b'mod obbligatorju u li trid issir superviżjoni ta' l-annimali ta' livell għoli biżżejjed biex jiġi żgurat li l-marda tiġi nnutata malajr u rrappurtata bħala każ suspettuż. Għandu jkun hemm ukoll mekkaniżmu għall-investigazzjoni u konferma, u livell għoli ta' għarfien tal-marda u s-sintomi tagħha fost bdiewa u veterinarji.

Is-sorveljanza epidemjoloġika tista' tiżdied bi programmi tas-saħħa volontarji u obbligatorji għall-merħliet, b'mod partikolari dawk li jiżguraw preżenza veterinarja regolari fir-rziezet.

Fatturi oħra li jridu jitqiesu jinkludu:

— l-istorja tal-marda,

— l-istorja tal-vaċċinazzjoni,

— il-kontrolli fuq il-moviment għal ġoż-żona, għal barra miż-żona u ġewwa ż-żona,

— l-identifikazzjoni u reġistrazzjoni ta' l-annimali,

— il-preżenza ta' mard fi nħawi fil-qrib,

— il-barrieri fiżiċi bejn żoni ta' status differenti,

— il-kondizzjonijiet meteoroloġiċi,

— l-użu ta' żoni ta' trażżin (bil-vaċċinazzjoni jew mingħajra),

— il-preżenza ta' vettori u/jew ġibjuni? ħażniet?,

— il-programmi ta' kontroll u qerda attivi (fejn xieraq),

— l-ispezzjonijiet *ante* u *post mortem*.

Żona tista' tiġi definita fuq il-bażi ta' dawn il-fatturi.

L-awtorità li għandha r-responsabbiltà għall-implimentazzjoni tal-politika ta' taqsim f'reġjuni hija l-aktar kwalifikata biex tiddefinixxi u żżomm din iż-żona kif suppost. Meta jkun hemm livell għoli ta' fiduċja f'din l-awtorità, id-deċiżjonijiet li tieħu jistgħu jkunu l-bażi għall-kummerċ.

Iż-żoni li jiġu definiti b'dan il-mod jistgħu jiġu assenjati kategorija ta' riskju.

Kategoriji possibbli huma:

— riskju żgħir/insinifikanti,

— riskju medju,

— riskju kbir,

— riskju mhux magħruf.

Il-kalkulazzjoni ta' riskji stmati għal, per eżempju, annimali ħajjin tista' tgħin f'din il-kategorizzazzjoni. Kondizzjonijiet għall-importazzjoni jistgħu mbagħad jiġu definiti għal kull kategorija, marda u prodott, individwalment jew fi gruppi.

Riskju żgħir/insinifikanti jimplika li l-importazzjoni tista' ssir fuq il-bażi ta' garanzija sempliċi ta' oriġini.

Riskju medju jimplika li xi forma ta' tagħqid ta' ċertifikazzjoni u/jew garanziji jistgħu jinħtieġu qabel jew wara l-importazzjoni.

Riskju kbir jimplika li l-importazzjoni ssir biss b'kondizzjonijiet li jnaqqsu r-riskju b'mod sinifikanti, per eżempju b'garanziji addizzjonali, testjar jew kura.

Riskju mhux magħruf jimplika li l-importazzjoni ssir biss jekk il-prodott innifsu huwa ta' riskju żgħir, per eżempju ġlud, suf, jew bil-kondizzjonijiet ta' 'riskju kbir' jekk il-fatturi tal-prodott jiġġustifikawhom.

*Fatturi ta' riskju tal-prodott*

Dawn jinkludu:

— il-marda hija trasmissibbli mill-prodott?

— jista' l-aġent ikun preżenti fil-prodott jekk dan ikun ġej minn annimal f'saħħtu u/jew klinikament affettwat?

— il-fattur preċedenti jista' jitnaqqas, per eżempju bil-vaċċinazzjoni?

— x'inhi l-probabbiltà li l-prodott kien espost għall-infezzjoni?

— il-prodott inkiseb b'mod li jnaqqas ir-riskju, per eżempju dissussar?

— il-prodott ġie ssuġġettat għal trattament li jinattiva l-aġent?

Testijiet adattati u kwarantina jnaqqsu r-riskju.

*Fatturi ta' riskju assoċjati mad-destinazzjoni*

— il-preżenza ta' annimali suxxettibbli,

— il-preżenza ta' vettori,

— il-possibbiltà ta' perijodu ħieles minn vettori,

— miżuri preventivi bħal regoli għat-tmigħ ta' skart ta' l-ikel u għat-trattament ta' l-iskart ta' l-annimali,

— l-użu maħsub tal-prodott, per eżempju ikel għall-annimali domestiċi, ikel għall-konsum tan-nies biss.

Dawn il-fatturi huma inerenti jew taħt il-kontroll tal-pajjiż importatur u x'uħud minnhom jistgħu għaldaqstant jiġu modifikati biex jiffaċilitaw il-kummerċ. Dawn jistgħu, per eżempju, jinkludu kondizzjonijiet ta' dħul ristretti, per eżempju r-restrizzjoni ta' annimali għal ċertu reġjun ħieles minn vettori sakemm jgħaddi l-perijodu ta' inkubazzjoni, jew sistemi ta' kanalizzazzjoni.

Madankollu, fatturi ta' riskju assoċjati mad-destinazzjoni jridu jitqiesu wkoll mill-pajjiż infettat, fir-rigward tar-riskju ta' ċaqliq mill-parti infettata għall-parti ħielsa tat-territorju tiegħu.

**Mard ta' l-akwakultura**

Sa ma jiġu żviluppati xi dispożizzjonijiet speċifiċi biex jiġu inklużi f'dan l-Anness, il-bażi ta' deċiżjonijiet għal taqsim f'reġjuni għandha tkun il-Kodiċi Internazzjonali ta' Saħħet l-Annimali Akwatiċi ta' l-OIE.

*L-ANNESS V*

**RIKONOXXIMENT TA' MIŻURI TAS SAĦĦA**

Il-glossarju li ġej japplika għall-Anness V mehmuż:

| | |
|---|---|
| Iva (1) | Il-Parti li timporta taqbel li l-miżuri tal-Parti li tesporta jilħqu l-livell xieraq ta' protezzjoni tas-saħħa tal-Parti li timporta. |
| Iva (2) | Il-Parti li timporta taqbel li l-miżuri tal-Parti li tesporta, bil-kondizzjonijiet speċjali indikati, jilħqu l-livell xieraq ta' protezzjoni tas-saħħa tal-Parti li timporta. |
| Iva (3) | Ekwivalenza maqbula fil-prinċipju, bla ħsara għat-twettiq sodisfaċenti ta' l-azzjonijiet. Sa ma jiġu mwettqa, il-kummerċ għandu jsir fuq il-bażi tal-kondizzjonijiet speċjali indikati. |
| MV | Mhux ivvalutat. Il-kummerċ għandu jsir fuq il-bażi ta' konformità mal-ħtiġiet tal-Parti li timporta. |
| I | Għadha qed issir valutazzjoni. Il-kummerċ għandu jsir fuq il-bażi ta' konformità mal-ħtiġiettal-Parti li timporta. |
| IG | Influwenza ta' l-għasafar |
| DAH | Deni Afrikan tal-ħnieżer |
| ESB | Enċifalopatija sponġiformi bovina |
| MET | Metrite ekwina li tittieħed |
| KRF | Kodiċi tar-Regolamenti Federali |
| DHK | Deni tal-ħnieżer klassiku (kolera tal-ħnieżer) |
| LEB | Lewkosi enżotika bovina |
| KE | Komunità Ewropea |
| AIPB | Att dwar l-ispezzjoni tal-prodotti mill-bajd |
| AFIMK | Att Federali dwar Ikel, Mediċini u Kosmetiċi |
| AFIFR | Att Federali dwar Insettiċidi, Fungiċidi u Rodentiċidi |
| MLD | Il-marda tal-lsien u d-dwiefer |
| IRBT | Rinotrakeite bovina li tittieħed |
| MD | Il-marda Newcastle |
| OIE | Office International des Epizooties |
| ASSP | Att dwar is-Servizz tas-Saħħa Pubblika |
| PM | Post mortem |
| KXV | Kumitat Xjentifiku Veterinarju |
| MVĦ | Il-marda vexxikoluża tal-ħnieżer |
| TB | Tuberkolosi bovina |
| ETM | Enċifalopatija trasmissibbli tal-minkijiet |
| EST | Enċifalopatija sponġiformi trasmissibbli |
| USA | L-Istati Uniti ta' l-Amerika |
| WTO | Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ |

| — Prodott<br>— Speċi:<br>— Saħħet l-annimali/saħħa pubblika | Esportazzjoni tal-Komunità Ewropea lejn l-Istati Uniti | | | | | Esportazzjoni tal-US lejn il-Komunità Ewropea | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Kondizzjonijiet tal-kummerċ | | Ekwiv. (Kat.) | Kondizzjonijiet speċjali | Azzjonijiet | Kondizzjonijiet tal-kummerċ | | Ekwiv. (Kat.) | Kondizzjonijiet speċjali | Azzjonijiet |
| | Standards tal-KE | Standards tal-US | | | | Standards tal-US | Standards tal-KE | | | |
| 1. **Annimali ħajjin** | | | | | | | | | | |
| **Sa**ħħet l-annimali | | | | | | | | | | |
| — Ekwidi | 90/426 Annessi B u C | 9 KRF 92 | V. | | Il-KE trid tissottometti għal kull laboratorju tal-KE l-proċeduri ta' testjar, l-antiġeni/reaġenti użati, il-programm ta' verifika/kwalità, il-programm tal-kontroll estern/approvazzjoni minn laboratorju.<br>Testjar ta' referenza bejn il-laboratorji u skambju ta' kampjuni bejn laboratorji nominati mill-KE u l-US għal MET, *glanders, dourine,* piroplasmosi, anemia ekwina li tittieħed u arterite virali ekwina jridu jsiru fi żmien sitt xhur mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.<br>Il-US trid tikkonsidra, fi żmien ħames xhur mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, l-irtirar tal-ħtieġa għall-kwarantina wara l-importazzjoni fuq il-bażi tar-riżultati.<br>Il-US trid tagħmel stima tat-talba tal-KE dwar l-istatus tal-mard għal *dourine* u *glanders* fi żmien tliet xhur mis-sottomissjoni tal-KE. | 9 KRF 71, 75, 91 | 90/426<br>92/260<br>93/195<br>93/196<br>93/197<br>94/467 | V | | Il-US trid tikkonsidra l-identifikazzjoni taż-żwiemel permezz ta' passaport mill-31.12.1997.<br>Il-KE trid tikkonsidra l-irtirar tal-ħtieġa għall-iżolament qabel it-tluq għal importazzjoni permanenti fi żmien sitt xhur mis-sottomissjoni ta' l-aħħar rapport fuq it-tifqigħa tal-SV. |

| — Prodott<br>— Speċi:<br>— Saħħet l-annimali/saħħa pubblika | Esportazzjoni tal-Komunità Ewropea lejn l-Istati Uniti | | | | | Esportazzjoni tal-US lejn il-Komunità Ewropea | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Kondizzjonijiet tal-kummerċ | | Ekwiv. (Kat.) | Kondizzjonijiet speċjali | Azzjonijiet | Kondizzjonijiet tal-kummerċ | | Ekwiv. (Kat.) | Kondizzjonijiet speċjali | Azzjonijiet |
| | Standards tal-KE | Standards tal-US | | | | Standards tal-US | Standards tal-KE | | | |
| | | | | | Il-US trid teżamina mill-ġdid il-ħtiġiet tagħha għall-MET u piroplasmosifi żmien tliet xhur mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim. | | | | | |
| — Bovini | 64/432<br>72/462<br>90/425 | 9 KRF 92 | V. | | Il-US trid teżamina mill-ġdid il-politika ta' l-ESB fir-rigward ta' inċidenza kbira jew żgħira.<br>Il-US trid tipproduċi l-kondizzjonijiet ġeneriċi għall-KE. | 9 KRF 71,72, 73, 77, 78, 80, 91 | 72/462 | V. | | Il-KE trid teżamina l-inkartament ta' l-US fuq il-*bluetongue*.<br>Il-US trid tipprovdi dettaji tal-vaċċin RB51 tal-bruċellosi biex jiġu eżaminati mill-KE.<br>Il-KE trid tipprovdi l-kondizzjonijiet għall-US |
| — Nagħaġ/mogħoż | 91/68 | 9 KRF 92 | V | | Il-US trid tipproduċi l-kondizzjonijiet ġeneriċi għall-KE. | 9 KRF 54,71, 79, 77 | 91/68<br>97/231 | V | | Il-US trid teżamina l-inkartament tal-K E fuq il-*bluetongue*.<br>Il-US trid tissottometti l-programm tagħha għall-iskrejpi meta tkun tles-tiet l-aħhar analiżi. Il-KE trid tikkummenta<br>Il-KE trid tipproduċi l-kondizzjonijiet għall-US. |
| — Ħnieżer | 64/432<br>72/462<br>90/425 | 9 KRF 92 | V | | IL-US trid tipproduċi l-kondizzjonijiet ġeneriċi għall-KE. | 9 CFR 71, 76, 77, 78, 85 | 72/462 | V | | Il-KE trid tipproduċi l-kondizzjonijiet għall-US. |
| — Klieb u qtates | 92/65 | 9 KRF 92 | MV | | | | 92/65 | MV | | |
| — Annimali "Balai" | 92/65 | 9 KRF 92 | MV | | | | 92/65 | MV | | |

2. **Tjur ħaj u bajd tat-tifqis**

| | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Saħħet l-annimali | | | | | | | | | | |
| | 90/539<br>93/342 | 9 KRF 92 | V | | Il-US trid tipproduċi l-kondizzjonijiet ġeneriċi. | 9 KRF 71, 82, 145, 147 | 90/539<br>93/432<br>96/482<br>96/483 | V | | |

3. **Semen**

| | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Sa**ħħet l-annimali | | | | | | | | | | |
| — Bovini | 88/407 | 9 KRF 98 | V | | Il-US trid tipproduċi l-kondizzjonijiet ġeneriċi għall-KE. | 9 KRF 71,77, 78 | 88/407<br>94/577 | V | | Il-KE trid tipproduċi l-kondizzjonijiet li jippermettu l-użu tal-kitt tat-testjar ġdid *elisa* għall-*bluetongue*.<br>Il-KE trid tikkonsidra li tippermetti ċaqliċ bejn ċentri f'żewġ pajjiżi terzi. |
| — Nagħaġ/mogħoż | 92/65 | 9 KRF 98 | V | | Il-US trid tipproduċi l-kondizzjonijiet ġeneriċi għall-KE. | 9 KRF 71, 79 | 92/65 | MV | | |
| — Ħnieżer | 90/429 | 9 KRF 98 | V | | Il-US trid tipproduċi l-kondizzjonijiet ġeneriċi għall-KE. | 9 KRF 71, 78, 85 | 90/429<br>93/199 | V | | Il-KE trid teżamina t-talba tal-US li testijiet għad-DĦK ma jinħtiġux mad-dħul u l-ħruġ minn ċentri ħielsa mill- marda. |
| — Klieb | 92/65 | 9 KRF 98 | MV | | | | 92/65 | MV | | |
| — Felini | 92/65 | | MV | | | | 92/65 | MV | | |

| Kaċċa mrobbija<br>Ħnieżer, ċriev | 91/495 | 9 KRF 95 | Iva 2 | M'hix aċċettata minn pajjiżi affettwati mill-ESB. | Il-US trid teżamina mill-ġdid ir-regoli fuq l-ESB fir-rigward ta' reġjuni b'inċidenza kbira/żgħira. | | 91/495 | MV | | |
| Laħam frisk<br>Tjur | 92/118<br>80/215<br>72/462<br>94/438 | 9 KRF 95 | Iva 1 | | | | 92/118 | MV | | |
| Kaċċa mrobbija u selvaġġa, bir-rix | 92/45<br>91/495 | 9 KRF 95 | Iva 1 | | | | 92/45<br>91/495 | MV | | |

| — Prodott<br>— Speċi:<br>— Saħħet l-annimali/saħħa pubblika | Esportazzjoni tal-Komunità Ewropea lejn l-Istati Uniti | | | | | Esportazzjoni tal-US lejn il-Komunità Ewropea | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Kondizzjonijiet tal-kummerċ | | Ekwiv. (Kat.) | Kondizzjonijiet speċjali | Azzjonijiet | Kondizzjonijiet tal-kummerċ | | Ekwiv. (Kat.) | Kondizzjonijiet speċjali | Azzjonijiet |
| | Standards tal-KE | Standards tal-US | | | | Standards tal-US | Standards tal-KE | | | |
| Kaċċa selvaġġa<br>Ħnieżer, ċriev | 92/45 | 9 KRF 95 | Iva 2 | M'hix aċċettata minn pajjiżi affettwati mill-ESB. | Il-US trid teżamina mill-ġdid ir-regoli fuq l-ESB fir-rigward ta' reġjuni b'inċidenza kbira/żgħira. | | 92/45 | MV | | |
| **Sa**ħħa pubblika | | | | | | | | | | |
| L-ispeċijiet kollha (8) | 77/99<br>92/118 | | Iva 1 | | | | 77/99<br>92/118 | MV | | |
| Kaċċa mrobbija u selvaġġa, bir-rix (8) | 77/99 | AFIFR, ASSP, AFIMK, 21 KRF 70-82, 108, 109, 110.3-110.93, 113, 170-189, 510-529, 556 | MI | | | AFIFR, ASSP, AFIMK, 21 KRF 70-82, 108, 109, 110.3-110.93, 113, 170-189, 510-529, 556 | 77/99<br>92/118<br>Abbozzi ta' Deċiżjonijiet notifikati lill-WTO | MV | | |
| 27. **Proteina minn annimali pproċessata, mhux għall-konsum tan-nies** | | | | | | | | | | |
| **Li tinkludi materjal li jori**ġina minn mammali | | | | | | | | | | |
| Annimali li jixtarru | 92/118<br>90/667 | 9 KRF 95<br>AFIFR, AFIMK, 21 KRF 110.3-110.93, 507-509, 570, 573-589 | Iva 2 | M'hix aċċettata minn pajjiżi affettwati mill-ESB. | Il-US trid teżamina mill-ġdid ir-regoli fuq l-ESB fir-rigward ta' reġjuni b'inċidenza kbira/żgħira. | AFIFR, AFIMK, 21 KRF 110.3-110.93, 507-509, 570, 573-589 | 90/667<br>92/118<br>92/562<br>94/344<br>96/449<br>97/198 | MV | | Il-KE trid teżamina l-affermazzjoni li l-US hija ħielsa mill-ESB.<br>Il-KE trid tikkonsidra garanziji alternattivi għal materjal minn mammali, inkluża l-proposta tal-US li tneħħi mill-ikel ta' l-annimali domestiċi kull materjal ta' riskju mill-ispeċijiet kollha miftuħa għat-TSE magħrufa fil-US. |

| | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Annimali li ma jixtarrux | 92/118<br>90/667 | 9 KRF 95 AFIFR, AFIMK, 21 KRF 110.3-110.93, 507-509, 570, 573-589 | Iva 3 | | | AFIFR, AFIMK, 21 KRF 110.3-110.93, 507-509, 570, 573-589 | 92/118<br>90/667<br>96/449 | MI | Stabbilimenti għandhom ikunu ġew ikkonfermati mill-US għal trattament bis-shana alternattiv inkluż ħelsien ta' 30 jum minn klostridja. | |
| **Li tinkludi biss materjal mhux minn mammali** | | | | | | | | | | |
| Tjur u ħut | 92/118<br>90/667 | 9 KRF 95 | Iva 1 | | | | 90/667<br>92/118<br>92/562<br>94/344<br>97/198 | MV | Stabbilimenti għandhom ikunu ġew ikkonfermati mill-US għal trattament bis-shana alternattiv inkluż ħelsien ta' 30 jum minn klostridja. | |
| Annimali li ma jixtarrux | 92/118<br>90/667 | 9 KRF 95 | Iva 1 | | | | 92/118<br>90/667 | MV | | |
| 28. **Serum ta' l-ekwidi** | | | | | | | | | | |
| Saħħet l-annimali | 92/118<br>94/143 | 9 KRF 95, | MV | | | | 92/118<br>94/143 | MV | | |
| 29. **Demm u prodotti mid-demm mhux maħsuba għall-konsum tan-nies** | | | | | | | | | | |
| **Sa**ħħet l-annimali | | | | | | | | | | |
| Laħam frisk (annimali li jixtarru, ekwidi, ħnieżer) | 64/432<br>72/461<br>80/215<br>72/462 | 9 KRF 95, | V. | Ir-regoli ta' l-ESB għal annimali li jixtarru. | Il-US trid teżamina mill-ġdid ir-regoli fuq l-ESB fir-rigward ta' reġjuni b'inċidenza kbira/żgħira.<br>Il-US trid tipproduċi l-kondizzjonijiet ġeneriċi għall-KE. | 9 KRF 53 | 72/462<br>97/221 | MV | | |
| Kaċċa mrobbija Ħnieżer, ċriev | 91/495 | 9 KRF 95, | Iva 2 | Ir-regoli ta' l-ESB għal annimali li jixtarru. | Il-US trid teżamina mill-ġdid ir-regoli fuq l-ESB fir-rigward ta' reġjuni b'inċidenza kbira/żgħira. | | 91/495 | MI | | |
| Laħam frisk Tjur | 92/118<br>80/215<br>72/462<br>94/438 | 9 KRF 95, | Iva 1 | | | | 92/118 | MV | | |

| — Prodott<br>— Speċi:<br>— Saħħet l-annimali/saħħa pubblika | Esportazzjoni tal-Komunità Ewropea lejn l-Istati Uniti | | | | | Esportazzjoni tal-US lejn il-Komunità Ewropea | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Kondizzjonijiet tal-kummerċ | | Ekwiv. (Kat.) | Kondizzjonijiet speċjali | Azzjonijiet | Kondizzjonijiet tal-kummerċ | | Ekwiv. (Kat.) | Kondizzjonijiet speċjali | Azzjonijiet |
| | Standards tal-KE | Standards tal-US | | | | Standards tal-US | Standards tal-KE | | | |
| Kaċċa mrobbija u selvaġġa, bir-rix | 92/45<br>91/495 | 9 KRF 95, | Iva 1 | | | | 92/45<br>91/495 | MV | | |
| Kaċċa selvaġġa<br>Ħnieżer, ċriev | 92/45 | 9 KRF 95, | Iva 1 | | | | 92/45 | MV | | |
| Saħħa pubblika | 77/99 | 9 KRF 301-381, 416, 417 AFIMK, AFIFR, 21 KRF 110.3-110.93, 507-509, 570, 573-589 | MVI | | | 9 KRF 301-381, 416, 417 AFIMK, AFIFR, 21 KRF 110.3-110.93, 507-509, 570, 573-589 | 77/99<br>92/118<br>Abbozz ta' Deċiżjoni notifikata lill-WTO | MV | | Il-KE qed tikkonsidra li tistabbilixxi kondizzjonijiet. |

30. **Demm u prodotti mid-demm mhux maħsuba għall-konsum tan-nies**

| | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Saħħet l-annimali | 92/183<br>92/118 | 9 KRF 95.4, 122 | Iva 2 | Ir-regoli ta' l-ESB għal annimali li jixtarru. Jinħtieġ permess. | Il-US trid teżamina mill-ġdid ir-regoli fuq l-ESB firrigward ta' reġjuni b'inċidenza kbira/żgħira. | 9 KRF 53 | 92/183<br>92/118 | Iva 2 | Il-ħtiġiet tal-kura għall-*bluetongue*. | Il-KE trid tikkonsidra l-użu ta' testijiet għall-*bluetongue* minflok kura. |

31. **Lardu u xaħmijiet imdewba maħsuba għall-konsum tan-nies**

| | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Sa**ħħet l-annimali | | | | | | | | | | |
| Laħam frisk (annimali li jixtarru, żwiemel, ħnieżer) | 64/432<br>72/461<br>80/215 | 9 KRF 95 | Iva 2 | Ir-regoli ta' l-ESB għal annimali li jixtarru. | Il-US trid teżamina mill-ġdid ir-regoli fuq l-ESB firrigward ta' reġjuni b'inċidenza kbira/żgħira. | | 72/462<br>97/221 | MV | | |

| | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Kaċċa mrobbija<br>Hnieżer, ċriev | 91/495 | 9 KRF 95 | Iva 2 | Ir-regoli ta' l-ESB għal annimali li jixtarru. | Il-US trid teżamina mill-ġdid ir-regoli fuq l-ESB fir-rigward ta' reġjuni b'inċidenza kbira/żgħira. | | 91/495 | MV | | |
| Laħam frisk<br>Tjur | 92/118<br>80/215<br>94/438 | 9 KRF 95 | Iva 1 | | | | 92/118 | MI | | |
| Kaċċa mrobbija u selvaġġa, bir-rix | 92/45<br>91/495 | 9 KRF 95 | Iva 1 | | | | 92/45<br>91/495 | MV | | |
| Kaċċa selvaġġa<br>Ħnieżer, ċriev | 92/45 | 9 KRF 95 | Iva 2 | Ir-regoli ta' l-ESB għal annimali li jixtarru. | Il-US trid teżamina mill-ġdid ir-regoli fuq l-ESB fir-rigward ta' reġjuni b'inċidenza kbira/żgħira. | | 92/45 | MV | | |
| **Sa**ħħa pubblika | | | | | | | | | | |
| L-ispeċijiet kollha (8) | 77/99<br>92/118 | | MV | | | | 77/99<br>92/118 | MV | | |
| Kaċċa mrobbija u selvaġġa, bir-rix (8) | 77/99 | 9 KRF 301-381, 416, 417 AFIFR, ASSP, AFIMK, 21 KRF 70-82,108, 109, 110.3-110.93, 113, 170-189, 510-529, 556 | MV | | | 9 KRF 301-381, 416, 417 AFIFR, ASSP, AFIMK, 21 KRF 70-82, 108, 109, 110.3-110.93, 113, 170-189, 510-529,556 | 77/99<br>92/118<br>Abbozz ta' Deċiżjoni notifikata lill-WTO. | MV | | |

32. **Lardu u xaħmijiet imdewba mhux maħsuba għall-konsum tan-nies**

| | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | 92/118<br>90/667<br>72/461 | 9 KRF 95 | Iva 2 | Ir-regoli ta' l-ESB għal annimali li jixtarru. | Il-US trid teżamina mill-ġdid ir-regoli fuq l-ESB fir-rigward ta' reġjuni b'inċidenza kbira/żgħira. | | 92/118<br>Abbozz ta' Deċiżjoni notifikata lill-WTO. | MV | | Il-KE trid teżamina l-ħtiġiet mill-ġdid biex tikkonsidra l-inklużjoni ta' sistemi alternattivi ta' trattament bis-shana.<br>Il-KE trid teżamina ir-reġim tal-US għat-testjar batterjoloġiku għall-frazzjoni tal-proteina. |

| — Prodott<br>— Speċi:<br>— Saħħet l-annimali/saħħa pubblika | Esportazzjoni tal-Komunità Ewropea lejn l-Istati Uniti | | | | | Esportazzjoni tal-US lejn il-Komunità Ewropea | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Kondizzjonijiet tal-kummerċ | | Ekwiv. (Kat.) | Kondizzjonijiet speċjali | Azzjonijiet | Kondizzjonijiet tal-kummerċ | | Ekwiv. (Kat.) | Kondizzjonijiet speċjali | Azzjonijiet |
| | Standards tal-KE | Standards tal-US | | | | Standards tal-US | Standards tal-KE | | | |
| 33. **Materja prima għall-użu fl-għalf u għal użu farmaċewtiku jew tekniku** | | | | | | | | | | |
| Saħħet l-annimali | 92/118 | 9 KRF 95, | Iva 1 | | | 9 KRF 53 | 92/118 | V | | Il-KE trid tikkonsidra l-istipulazzjoni ta' ħtiġiet ta' ċertifikazzjoni għall-importazzjoni. |
| 34. **Prodotti ta' l-apikultura għall-apikultura** | | | | | | | | | | |
| Saħħet l-annimali | 92/118 | | V | | | | 92/118<br>94/860 | -MV | | |
| 35. **Trofej tal-kaċċa** | | | | | | | | | | |
| Saħħet l-annimali | 92/118 | 9 KRF 95 | Iva 1 | | | 9 KRF 53 | 92/118<br>96/590 | V | | |
| 36. **Fertilizzant** | | | | | | | | | | |
| Saħħet l-annimali | 92/118 | 9 KRF 95 | V | | Il-US trid tipprovdi ħtiġiet ta' temperatura għal fertilizzant minn reġjuni affettwati minn mard trasmissibbli serju. | 9 KRF 53 | 92/118 | V | | |
| 37. **Suf, rix u xagħar** | | | | | | | | | | |
| **Sa**ħħet l-annimali | | | | | | | | | | |
| — Suf | 92/118 | 9 KRF 95 | Iva 1 | | | 9 KRF 53 | 92/118 | MV | | |
| — Lanżit tal-ħnieżer | 92/118 | 9 KRF 95 | Iva 1 | | | 9 KRF 53 | 92/118<br>94/435 | NMV | | |
| Saħħa pubblika | | AFIMK, ASSP 21 KRF 1240.70 | MI | | | AFIMK, ASSP 21 KRF 1240.70 | | MI | | |

38. **Għasel**

| | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Saħħet l-annimali | | | MV | | | | | MV | | |
| Saħħa pubblika | 92/118 | AFIMK,<br>AFIFR,<br>ASSP 21<br>KRF 70-<br>82, 109,<br>110.3-<br>110.93,<br>520.182,<br>520.1660d | MV | | | AFIMK,<br>AFIFR,<br>ASSP 21<br>KRF 70-<br>82, 109,<br>110.3-<br>110.93,<br>520.182,<br>520.166-<br>0d | 92/118 | MV | | |

39. **Saqajn taż-żrinġijiet**

| | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Saħħet l-annimali | | | | | | | | | | |
| Saħħa pubblika | 92/118<br>96/340 | AFIMK,<br>AFIFR,<br>ASSP 21<br>KRF 70-<br>82, 108,<br>110.3-<br>110.93,<br>113, 114,<br>123, 1240 | MV | | | AFIMK,<br>AFIFR,<br>ASSP 21<br>KRF 70-<br>82, 108,<br>110.3-<br>110.93,<br>113, 114,<br>123,<br>1240 | 92/118<br>96/340 | MV | | I-l KE trid teżamina r-regoli ta’ l-HACCP tal-US meta jiġu sottomessi. |

40. **Bebbux għall-konsum tan-nies**

| | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Saħħet l-annimali | | | | | | | | | | |
| Saħħa pubblika | 92/118<br>96/340 | AFIMK,<br>AFIFR,<br>ASSP 21<br>KRF 70-<br>82, 108,<br>110.3-<br>110.93,<br>113, 114,<br>123, 1240 | MV | | | FFDCA,<br>AFIFR,<br>ASSP 21<br>KRF 70-<br>82, 108,<br>110.3-<br>110.93,<br>113, 114,<br>123,<br>1240 | 92/118<br>96/340 | MV | | |

| — Prodott<br>— Speċi:<br>— Saħħet l-annimali/saħħa pubblika | Esportazzjoni tal-Komunità Ewropea lejn l-Istati Uniti | | | | | Esportazzjoni tal-US lejn il-Komunità Ewropea | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Kondizzjonijiet tal-kummerċ | | Ekwiv. (Kat.) | Kondizzjonijiet speċjali | Azzjonijiet | Kondizzjonijiet tal-kummerċ | | Ekwiv. (Kat.) | Kondizzjonijiet speċjali | Azzjonijiet |
| | Standards tal-KE | Standards tal-US | | | | Standards tal-US | Standards tal-KE | | | |
| 41. **Prodotti mill-bajd għall-konsum tan-nies** | | | | | | | | | | |
| Saħħet l-annimali | 90/539 | 9 KRF 94 | Iva 2 | Jinħtieġ permess minn żoni affetwati mill-MN. | ASV parskata prasibu par atlauju. | | 90/539<br>93/342 | Iva 1 | | |
| Saħħa pubblika | 89/437<br>91/684<br>92/118<br>96/23 | 7 KRF 59<br>AIPB | I. | | Il-US trid teżamina l-bażi legali għar-rikonoxximent ta' l-ekwivalenza.<br>Il-US trid tlesti l-istima tal-leġislazzjoni tal-KE dwar is-saħħa pubblika. | 7 KRF 59<br>AIPB | 89/437<br>91/684<br>92/118<br>96/23<br>97/38 | I. | Stabbilimenti elenkati skond nota (7), u konformi mad-dispo-sizzjonijiet relevanti ta' nota (2).<br>It-testijiet li ġejjin iridu jsiru, kif speċifikat fl-Anness VI tad-Direttiva 89/437, fuq prodotti mill-bajd mill-US li jkunu se jintbagħtu lejn l-Ewropa<br>*Testijiet kimiċi*:<br>— 3 OH aċidu butiriku;<br>— aċidu lattiku;<br>— aċidu saksiniku;<br>— fdalijiet tal-qxur tal-bajd, membrana tal-bajd, partikoli oħra<br>*Testijiet batterioloġiċi*:<br>— għadd mesofiliku;<br>— enterobatterji;<br>— salmonella;<br>— tafilokokkus.<br>*Metodi*:<br>Metodi rikonoxxuti internazzjonalment, bħal: ISO, NMKL, AOAC. | Il-KE trid tlesti l-istima tal-leġislazzjoni dwar is-saħħa pubblika tal-US. |

42. **Bajd bil-qoxra**

| | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Saħħet l-annimali | 90/539 | 9 KRF 94 | Iva 2 | Jinħtieġ permess minn żoni affettwati mill-MN. | Il-US trid teżamina mill-ġdid il-ħtieġa ta' permess. | 9 KRF 94 | 90/539<br>93/342 | Iva 1 | | |
| Saħħa pubblika | 89/437<br>91/684<br>94/371<br>96/23 | AFIMK, AFIFR, ASSP, AIPB 21 KRF 5.10(a) (4) u (a) (13), 70-82, 100.135, 110.3-110.93, 172.140, 172.882, 182.884, 178, 520, 524, 556, 558, 1240 40 KRF 180 7 KRF 56 | I. | | Il-US trid teżamina l-bażi legali għar-rikonoxximent ta' l-ekwivalenza.<br>Il-US trid tlesti l-istima tal-leġislazzjoni tal-KE dwar is-saħħa pubblika. | AFIMK, AFIFR, ASSP, AIPB 21 KRF 5.10(a) (4) u (a)(13), 70-82, 100.135, 110.3-110.93, 172.140, 172.882, 182.884, 178, 520, 524, 556, 558, 1240 40 KRF 180 7 KRF 56 | 89/437<br>91/684<br>94/371<br>96/23 | I. | Nota (4). | Il-KE trid tlesti l-istima tal-leġislazzjoni tal-US dwar is-saħħa pubblika. |

42. **Ġelatina għall-konsum tan-nies u għal użu tekniku**

| | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Saħħet l-annimali | | 9 KRF 94 | MV | | | | | MV | | |
| Saħħa pubblika | 92/118 | AFIMK, AFIFR, ASSP 21 KRF 70-82, 109, 110.3-110.93, 570, 573-589 | MI | | | AFIMK, AFIFR, ASSP 21 KRF 70-82, 109, 110.3-110.93, 570, 573-589 | 92/118 | MI | | |

NOTA 1

Ir-riduzzjoni patoġena: is-sistemi ta' l-analiżi tal-periklu u l-punt kritiku tal-kontrol (HACCP – *hazard analysis and critical control point)*; ir-regola finali kienet ippublikata f' 61 Reġistru Federali 38806-38989 u emendat diversi disposizzjonijiet ta' partijiet 304, 310, 320, 327, 381, 416 u 417 CFR.

Huma applikabbli disposizzjonijiet biex isiru testijiet għall-E-coli u l-SSOPs

Il-USA u l-KE għandhom jiddiskutu, ferm bil-quddiem mid-data ta' l-implimentazzjoni tagħhom, l-elementi fil-livelli fir-regola t'hawn fuq biex jiddeterminaw jekk hemmx bżonn ta' iktar kondizzjonijiet speċjali.

NOTA 2

**Fatturi orizzontali, laħam frisk, prodotti tal-laħam, laħam tal-kaċċa, laħam tat-tjur, laħam ikkapuljat, preparazzjonijiet ta' l-ikel, prodotti tal-bajd.**

(a) *Materjal għall-ipakkjar*

Il-materjal għall-ipakkjar għandu jinżamm fi kmamar separati li huma użati esklużivament għal dan l-iskop u huma ħielsa mit-trab u minn annimali li jagħmlu l-ħsara.

Il-materjal għall-ipakkjar m'għandux jintrefa' ma' l-art.

Wara li jkunu ġew immuntati, il-kaxxi impermeabbli m'għandhomx jiġu mdaħħla waħda fl-oħra jekk ma jkunx hemm inforra.

Kaxxex immuntati bl-inforra m'għandhomx jiġu mdaħħla waħda fl-oħra.

Il-kaxxex m'għandhomx jintmessu mill-persunal li qed imissu prodotti esposti.

Il-kaxxi għandhom jiġu mmuntati b'mod sanitarju, jew ġo kamra separata jew, jekk fl-art tal-kamra ta' tqattigħ, iktar minn 3 metri bogħod tal-prodott espost

(b) *Ħtiġiet tal-faċilità; ħitan b'kulur ċar u gwarniċuni ttundjati.*

Il-ħitan għandhom ikunu lixxi, ta' materjal solidu, impermeabbli, u ta' kulur li jippermetti li jidhru n-nuqqasijiet mill-kondizzjonijiet sanitarji.

Il-ħitan għandu jkollhom uċuħ li jistgħu jinħaslu.

Il-kantunieri ta' l-art u l-ħitan għandhom isiru u jinżammu b'mod li jiġi assigurat illi l-uċuħ ikunu nodfa u ħielsa minn tniġġis. Stabbilimenti li ma jużawx gwarniċuni ttundjati biex il-ħitan u l-art jinaqgħdu b'mod lixx biex it-tindif ikun iktar faċli għandhom jipprovdu mezzi oħra alternattivi adegwati, bħal issiġġillar ta' xquq bejn l-art u l-ħitan, biex jinżammu il-kondizzjonijiet sanitarji.

(ċ) *Ċertifikazzjoni medika minn tabib*

Qabel ma jidħlu fl-impjegati, l-impjegati ġodda għandhom jiġu eżaminati minn tabib jew minn persuna oħra ikkwalifikata fil-mediċina li hija mħarrġa biżżejjed biex tidentifika mard li jittieħed u li qiegħda taħdem taħt superviżjoni ta' tabib.

L-Istabbilimenti għandhom joperaw programm xieraq biex is-saħħa ta' l-impjegati tiġi sorveljata kontinwament.

L-eżamijiet ta' qabel il-ħatra u s-sorveljanza kontinwa tas-saħħa ta' l-impjegati għandhom isiru jew minn tabib jew minn persuna oħra li għandha taħriġ mediku xieraq (e.g. assistent mediku jew infermier/a rreġistrat/a).

Kull każ ta' mard issuspettat għandu jkun referut lit-tabib għal dijanjosi.

L-istabbilimenti għandhom iżommu reġistru ta' l-eżamijiet mediċi u dawn ir-reġistri għandhom jingħataw lill-awdituri meta dawn jistaqsu għalihom.

(d) *Pallets* ta' l-injam fiż-żoni maħsuba għall-prodotti esposti

L-użu ta' *pallets* ta' l-injam fiż-żoni fejn hemm il-prodott espost għandu jintemm bil-mod il-mod. Sadanittant:

— *pallets* ta' l-injam m'għandhomx jintużaw f'distanza ta' inqas minn 3 metri mill-prodott espost.

— il-*pallets* iridu jkunu nodfa, ta' struttura b'saħħitha, u mogħttija b'kopertura tal-plastika sanitarja.

Dawk l-istabbilimenti li diġà qegħdin jużaw *pallets* tal-plastika għandhom ikomplu jużawhom.

Meta l-*pallets* ta' l-injam huma użati f'kontenituri għat-tkessiħ jew friżers, il-prodotti preżenti għandhom ikunu ippakkjati b'mod iġjeniku biex ma jkunx hemm kuntatt tal-prodott ma' l-injam.

(e) Separazzjoni tal-lokijiet sanitarju u ż-żoni tax-xogħol.

Il-kmamar tad-WC għandhom ikunu ventilati b'mod xieraq u għandhom ikunu separati mill-kmamar tal-prodott espost jew b'intrata jew b'kamra fejn wieħed jista' jbiddel il-ħwejjeġ.

(f) Post mhux umdu fejn jitpoġġew materjali mhux ta' l-ikel.

Diterġenti, diżinfettanti u sustanzi simili għandhom jiġu merfugħa separatament mill-ikel u mill-materjali tat-tgeżwir u l-imballaġġ.

(g) L-ittestjar ta' l-ilma

L-ittestjar ta' l-ilma għandu jkompli jsir skond il-ħtieġiet ta' l-KE.

NOTA 3

**Laħam frisk, laħam tal-kaċċa, prodotti tal-laħam, laħam ikkapuljat u preparazzjonijiet tal-laħam minn l-ispeċje tal-laħam aħmar u l-pollam.**

(a) Ilma żejjed

L-istabbilimenti kollha għandu jkollhom sistema tad-dranaġġ u *plumbing* effiċjenti, u l-katusi u l-gandotti għandhom ikunu installati kif suppost b'ilqugħ u sifuni approvati mill-FSIS, skond id-9 CFR 381,49 (a) u (ċ).

(b) Magażżinaġġ separat ta' prodotti tajba għall-ikel u dawk mhux tajba għall-ikel.

Laħam ikkundannat jew laħam ieħor mhux tajjeb għall-ikel u interni għandhom jitneħħew b'mod iġjeniku, u malajr kemm jista' jkun, minn kmamar li jikkontjenu materjal edibbli.

(ċ) Magażżinaġġ ta' prodotti ippakkjati u mhux ippakkjati

Laħam mhux ippakkjat ma jistax jiġi merfugħ fi kmamar għat-tkessiħ jew għall-iffriżar li jikkontjenu laħam ippakkjat.

(d) Injam strutturali

Strutturi ta' l-injam għandhom ikunu f'kundizzjoni tajba, impermeabbli, lixxi, durabbli, protetti kontra l-moffa u ssiġillati b'kisja li minnha ma jkunx jista' jgħaddi l-ilma.

(e) Użu ta' doċoċ, raxxaxa u mankijiet sospiżi

Il-laħam m'għandux jiġi kkontaminat bit-titjir ta' l-ilma.

M'għandhomx jiġu użati bħala sostituti għall-ħasil ta' l-idejn

(f) Sterilizzazzjoni tat-tagħmir

Stabbilimenti għandhom jipprovdu tagħmir ta' l-isterilizzazzjoni (sterilizzaturi tal-lotta jew lokali) biex jitnaddfu l-istrumenti kemm il-darba jkun hemm bżonn. Għodod bħal skieken jew ganċijiet li ġew f'kuntatt mal-laħam għandhom jiġu mnaddfa u sterilizzati ta' spiss, u f'kull każ meta dawn ġew f'kuntatt ma materjali jew uċuħ bħall-uċuħ tan-naħa ta' barra tal-ġlud. L-isterilizzazzjoni għandha ssir bl-ilma sħun (>82°C).

NOTA 4

**Garanziji addizzjonali għall-Finlandja u l-Isvezja**

Għall negozju mill-USA lejn l-Isvezja u l-Finlandja, l-USA għandha tiċċertifika skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill 95/409/KE (frisk: vitella, taċ-ċanga u tal-majjal), il-Deċiżjoni tal-Kunsill 95/410/KE (pollam ħaj għall-qatla), id-Deċiżjoni tal-Kunsill 95/411/KE (laħam frisk tal-pollam), id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 95/160/KE (it-trobbija tal-pollam u flieles li għandhom ġurnata waħda), id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 95/161/KE (tiġieġ li jbidu) u Deċiżjoni tal-Kummissjoni 95/168/KE (bajd tal-mejda tajjeb biex jittiekel mill-bniedem).

L-ebda attestazzjoni m'hi meħtieġa għall-laħam frisk kid definit fid-Direttiva tal-Kunsill 72/462/KEE destinat għall-stabbiliment fejn issir il-pasturizzazzjoni, l-isterilizzazzjoni jew trattament li għandu effett ekwivalenti.

NOTA 5

**Laħam frisk, laħam tal-kaċċa, prodotti tal-laħam, laħam ikkapuljat u preparazzjonijiet tal-laħam**

(a) Post għall-annimali morda u sospetti

L-injam m’għandux jiġi użat għall-reċinti fejn jitqiegħdu annimali morda jew sospetti

Annimali morda jew sospetti m’għandhomx jitħallew jiġu f’kuntatt ma annimali destinati għall-qatla għall-esportazzjoni lejn il-Komunità.

Reċinti għall-annimali morda jew sospetti għandhom jiġu mqiegħda u mibnija b’tali mod li ma jkunx hemm kuntatt ma annimali destinati għall-qatla għall-esportazzjoni lejn il-Komunità u l-ħmieġ minn dawn ir-reċinti m’għandux inixxi fir-reċinti jew passaġġi li jmissu magħhom.

(b) Sorveljanza veterinarja għall-ispezzjoni *ante-mortem*

L-ifrat kollha destinati għall-qatla għall-esportazzjoni lejn il-KE għandhom jiġu eżaminati mill-veterinarju uffiċjali ta’ l-FSIS, ħlief:

— l-annimali tar-reċinti ta’ l-ikel, eżaminati fir-reċint ta’ l-ikel minn veterinarju akkreditat mill-USDA;

— annimali oħra għas-simna taħt l-età ta’ 30 xahar eżaminati fl-ażjenda minn veterinarju akkreditat mill-USDA

li għandhom ikunu eżaminati minn spettur uffiċjali FSIS li għandu taħriġ, tagħrif, kapaċitajiet u prestazzjonijiet xierqa biex jagħmel dan ix-xogħol.

Il-majjali kollha destinati għall-qatla għall-esportazzjoni lejn il-KE għandhom ikunu eżaminati minn veterinarju uffiċjali ta’ l-FSIS, ħlief il-ħnieżer tas-suq (annimali li m’għandhomx iktar minn sena), li għandhom jiġu spezzjonati minn spettur uffiċjali FSIS li għandu taħriġ, tagħrif, kapaċitajiet u prestazzjonijiet xierqa biex jagħmel dan ix-xogħol.

L-annimali kollha li juru sinjali anomarli għandhom ikunu iddijanjostikati u eliminate mill veterinarju uffiċjali ta’ l-FSIS.

(ċ) Ittestjar għat-trikinożi

L-istabbilimenti għandhom jittestjaw il-laħam taż-żiemel għat-trikinożi.

Il-laħam tal-majjal għandu jkun ittestjat jew soġġett għall trattament kiesaħ skond 9 CFR 318.10.

(d) Ftugħ ta’ l-istonkijiet u l-intestini

Għandu jkun hemm kamra separati għat-tbattil u t-tindif ta’ l-istonkijiet u l-intestini, sakemm dan il-proċess ma jsirx b’tagħmir mekkaniku *closed-circuit* biex tiġi evitata il-kontaminazzjoni u jiġu eliminati l-irwejjaħ.

(e) Inċiżjonijiet fil-qlub tal-ħnieżer

Għall-ħnieżer tas-suq (annimali li m’għandhomx iktar minn sena) li huma ddestinati jew minn liema xi parti hija ddestinata għall KE kampjun rappreżentattiv statistikament, kemm f’numri u kemm jekk f’perċentwal u oriġini ġeografika, ta’ qlub għandhom jiġu inċiżi u l-uċuħ interjuri tagħhom għandhom jiġu spezzjonati mill-persunal ta’ l-FSIS, u r-riżultati għandhom jiġu rreġistrati.

L-USA għandha tinforma lill-KE bil-metodoloġija tat-teħid tal-kampjuni, il-livell ta’ kunfidenza, u il-programm li huma sa jużaw għat-teħid ta’ kampjuni kif imsemmi hawn fuq.

Il-qlub tal-ħnieżer nisa kollha u tal-ħnieżer slavaġ (annimali li għandhom iktar minn sena) li huma destinati jew li minnhom xi parti hi destinata għall-KE għandhom ikunu inċiżi u l-uċuħ interjuri tagħhom spezzjonati mill-persunal ta’ l-FSIS, u r-riżultati għandhom jiġu rreġistrati.

(f) Kundanna tal-lot

Jekk il-karkassi, l-ġewwieni u d-demm mhumiex ikkorrelatati fil-punt finali ta’ l-ispezzjoni *post-mortem*, sistema ta’ lottijiet għandha tkun operata b’tali mod illi l’FSIS tkun tista’ turi illi jekk karkassa hija kkundannata, il-ġewwieni u d-demm tagħha ukoll ikun ikkundannat.

(g) Approvazzjoni parzjali

L-awtoritajiet veterinarji tal-KE u tal-USA jistgħu fuq bażi bilaterali jippermettu rikjesta għall-approvazzjoni parzjali ta’ stabbilimenti tal-laħam aħmar għall-ċertu prodotti, skond id-disposizzjonijiet ġenerali u speċifiċi ta’ dan il-Ftehim dwar il-produzzjoni iġjenika u l-ispezzjonijiet *ante* u *post-mortem* tal-qtil ta’ l-annimali, taħt il-kondizzjonijiet li ġejjin:

1. l-istabbiliment għandu jiżviluppa programm ta' assigurazzjoni tal-kwalità (AK – *Quality Assurance*) li jindirizza il-modi ta' operazzjoni, l-identifikazzjoni tal-prodott u s-segregazzjoni tal-prodott minn meta ġie riċevut sa' l-ispedizzjoni. L-istabbilimenti li jridu japplikaw għal approvazzjoni parzjali jridu jissodisfaw il-ħtiġiet tal-faċilità biex jiżguraw separazzjoni fiżika u/jew tal-ħin ta' prodotti approvati u dawk mhux approvati.
2. l-AK għandha tinkludi skeda ta' monitoraġġ ta' l-istabbilimenti u ġurnal fejn jiġu dokumentati kemm l-azzjonijiet ta' monitoraġġ u kemm l-azzjonijiet ta' korrezzjoni;
3. il-programm AK għandu jkun aċċettabbli għall-ispettur regolatorju li qiegħed jmexxi l-istabbiliment u l-awtorità veterinarja li tikkontrolla tal-parti li qed timporta meta mitlub;
4. l-ispettur regolatorju li qiegħed jmexxi l-istabbiliment għandu jissorvelja l-applikazzjoni ta' l-istabbiliment tal-programm AK u jiddokumenta din is-sorveljanza u jiżgura l-korrezzjoni ta' nuqqasijiet.
5. il-parti li qed timporta tista' jivverifika l-implimentazzjoni prattika tal-programm AK. F'dan il-każ, l-istabbiliment irid ikun f'posizzjoni biex juri il-programm dak il-ħin stess waqt ispezzjoni. Għall dan l-iskop, id-dokumentazzjoni kollha relevanti għandha tiġi ppreżentata.
6. jekk spezzjoni dak il-ħin stess u/jew il-verifika tad-dokumenti fi stabbiliment jirrevelaw nuqqasijiet serji, il-possibilità għall-approvazzjoni parzjali tista' jew tiġi rifjutata jew revokata.

NOTA 6

**Laħam tal-pollam**

(a) Refriġerazzjoni kontrokurrent

Meta sistemi ta' tkessiħ kontrokurrent huma użati, sistemi ta' tkessiħ alternattivi għall-i*standards* tal-KE jistgħu jiġu użati, sakemm jagħtu garanziji ekwivalenti dwar l-evitar tal-kontaminazzjoni reċiproka, u t-temperaturi tal-karkassi fil-punt tal-ħruġ mis-sistemi tat-tkessiħ kif imsemmi fil-punt (b), li ġew validati u stmati mill-FSIS qabel ma' l-istabbiliment ikun propost biex ikun elenkat fir-reġistru ta' l-esportazzjoni lejn il-KE. Din il-validazzjoni u l-istima għandha ssir mingħajr l-użu ta' trattament antimikrobiku (dekontaminazzjoni), matul produzzjoni ta' ġurnata sħiħa, u b'analiżi mikrobioloġika għall-kalkoli ta' l-aerobiċi fuq pjanċi, għar-riċerka ta' *enterobactericae* u *E-coli* qabel u wara t-tkessiħ. Din l-istima għanda ssir kull darba li jsiru xi tibdiliet lis-sistema tat-tkessiħ ta' l-impjant. Rekords tal-validazzjonijiet u l-istimi għandhom jinżammu, u l-FSIS għandha tagħmilhom disponibbli lill-KE.

(b) Il-ħtiġiet tat-temperattura relattivi għall-prodotti tal-pollam

Il-pollam għandu jkun imkessaħ b'temperatura interna ta' 40°F (4,4°C) fl-iqsar żmien possibli wara l-qatla.

— Fil-każ ta' għasafar żgħar (sa 6lbs), it-temperatura internal ta' 40°F għandha tinkiseb sat-tmiem tal-proċess bit-tkessiħ bl-immersjoni,

— Meta qed jiġi użat silġ imfarrak biex jitkessħu għasafar kbar (il-fuq minn 6lbs) wara tkessiħ bl-immersjoni, użu bħal dan ma jistax jirriżulta f'kontaminazzjoni reċiproka tal-prodott.

Meta jsir proċess ulterjuri (tqattigħ) wara li l-pollam ġie mkessaħ għall-40°F, it-temperatura interna tista' taqbeż l-40°F għall-massimu ta' siegħa, imma ma tistax taqbeż il-50°F(10°C).

(It-temperatura tat-trasportazzjoni għandha tkun skond 9 CFR 381.66.)

(ċ) Silġ imfarrak

L-użu tas-silġ imfarrak ma jistax jirriżulta f'kontaminazzjoni reċiproka tal-prodott. Meta silġ imfarrak huwa użat għall-trasport jew ħażna ulterjuri, stivar ta' kaxxex li jista' jkollhom xi toqob li minnhom joħroġ il-prodott jew prattiċi oħrajn li jistgħu jirriżultaw f'kontaminazzjoni reċiproka għandhom ikunu pprojbiti.

NOTA 7

**Reġistru ta' l-istabbilimenti (applikabbli għall-prodotti kollha fejn disposizzjonijiet dwar l-elenkar japplikaw)**

1. Il-parti li qed tesporta hija responsabbli biex tiżgura illi l-istabbilimenti/impjanti awtorizzati li jesportaw, u prodotti ċċertifikati għall-esportazzjoni, jissodisfaw il-ħtiġiet relevanti.

Il-Parti li qed tesporta għandha tissorvelja l-istabbilimenti biex tiżgura illi dawn jissodisfaw il-ħtiġiet relevanti qabel ma tipproponi stabbilimenti biex ikunu elenkati fir-reġistru ta' l-esportazzjoni. Il-lista, jew listi, ta' stabbilimenti approvati, u addizzjonijiet f' u tħassir minn dawn il-listi, għandu jingħata lill-Parti li timporta mill-Parti li tesporta. Il-Parti li timporta għandha tagħmel modifiki lill-listi ta' stabbilimenti approvati b'mod effiċjenti, bbażata fuq l-informazzjoni mogħtija mill-Parti li qed tesporta. Id-disseminazzjoni ta' listi bħal dawn għandha ssir mingħajr dewmien (*).

(*) Il-KE għandha twettaq dan l-impenn skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 94/408/KE. Il-USA għandha twettaq dan l-impenn skond skeda simili.

2. Il-Parti li timporta tista' twettaq proċeduri ta' verifika, inklużi l-ispezzjonijiet ta' l-istabbilimenti, biex tiżgura illi il-ħtiġiet relevanti qed jiġu sodisfatti.
3. Il-Partijiet għandhom jaħdmu biex ikabbru ir-responsabbilità għall-amministrazzjoni tal-listi ta' l-istabbilimenti mill-Parti li qed tesporta fid-dawl ta' l-esperjenza miksuba mill-operazzjoni tad-disposizzjonijiet tal-paragrafi 1 u 2.
4. Il-Partijiet għandhom jirrevedu il-funzjonament tad-disposizzjonijiet imsemmija hawn fuq dwar il-listi ta' l-istabbilimenti fid-dawl ta' l-esperjenza ta' kull laqgħa tal-Kumitat kif imsemmi fl-Artikolu 14, u għall-ewwel darba mhux aktar tard mill-13 ta' Diċembru 1997.

NOTA 8

**Il-Gemus u il-Buflu ta' l-ilma**

Għall-esporti lejn il-USA, il-gemus u il-buflu ta' l-ilma huma meqjusa bħala laħam tal-kaċċa.

Għall-esporti lejn il-KE, il-gemus u il-buflu ta' l-ilma huma meqjusa bħala laħam frisk.

NOTA 9

**Nuqqas ta' taħlit – laħam, prodotti tal-laħam, laħam tal-kaċċa, laħam tal-pollam, laħam ikkapuljat, preparazzjonijiet tal-laħam**

L-istabbilimenti fejn jinqatlu kemm annimali li l-laħam tagħhom huwa eliġibbli għall-esportazzjoni u kemm annimali li l-laħam tagħhom m'huwiex eliġibbli għall-esportazzjoni lejn waħda mill-Partijiet, jew jittrattaw laħam bħal dan, għandhom jissodisfaw il-kondizzjonijiet li ġejjin.

1. Annimali li l-laħam tagħhom huwa destinat għall-esportazzjoni għandhom jinżammu separati minn daw illi m'humiex ta' l-istess status waqt li qegħdin fl-istabbiliment tal-qatla.
2. Wara l-qatla ta' l-annimali li mhumiex eliġibbli għall-esportazzjoni u qabel il-qatla ta' l-annimali li huma eliġibbli għall-skopijiet ta' esportazzjoni, l-arji kollha, l-għodda u t-tagħmir li jista' jkollu kuntatt ma' annimali ħajjin u laħam inklużi l-arji ta' l-isturdament, l-iżvinar, it-tfellil, id-dissussar, il-qtugħ u l-ippakeġġjar għandhom jiġu mnaddfa u diżinfettati. L-impjegati għandhom ibiddlu fi ħwejjeġ nodfa protettivi u jaħslu tajjeb idejhom u l-bwiets.
3. Laħam destinat għall-esportazzjoni m'għandux jiġi trattat, maqtugħ jew proċessat mod ieħor fl-istess kamra fl-istess ħin mal-laħam li mhuwiex eliġibbli għall-esportazzjoni.
4. Laħam destinat għall-esportazzjoni għandu jiġi ppakkjat f'pakkeġġjar ġdid li huwa distint b'mod ċar minn dak li jikkontjeni l-laħam li mhuwiex eliġibbli għall-esportazzjoni. Għandu jkun maħżun b'tali mod li tiġi evitata il-kontaminazzjoni reċiproka.
5. Rekords ta' l-oriġini ta' l-annimali minn liema il-laħam huwa prodott għandhom jinżammu għall-perjodu ta' sitt xhur wara l-esportazzjoni. Għandhom ikunu disponibbli għall-ispezzjoni mill-Awtorità regolatorja.
6. Il-veterinarju uffiċjali għandu jiċċertifika li l-kondizzjonijiet ta' hawn fuq ġew sodisfatti.

NOTA 10

**Ħalib u prodotti tal-ħalib mhux tajba għall-ikel mill-bniedem**

Esklużi il-prodotti regolati bħala drogi ta' l-annimali fil-USA.

NOTA 11

**Riċerka tar-residwi**

Ir-riċerka tar-residwi għandha tkompli ssir mill-USA skond il-ħtiġiet applikabbli tal-KE.

*L-ANNESS VI*

**LINJI-GWIDA GĦAL VERIFIKA**

Fejn standards, linji-gwida jew rakkomandazzjonijiet relatati mat-tmexxija ta' verifika jiġu adottati minn waħda mill-organizzazzjonijiet internazzjonali relevanti li jistabbilixxu l-istandards, il-Partijiet iridu jeżaminaw mill-ġdid il-kontenut ta' dan l-Anness, u jagħmlu kull modifika xierqa.

DISPOSIZZJONIJIET ĠENERALI

1. **Definizzjonijiet**

Id-definizzjonijiet li ġejjin għandhom jgħoddu għat-termini użati f'dan l-Anness:

1.1. verifika: stima ta' prestazzjoni;

1.2. min issirlu l-verifika: il-Parti li tesporta li l-programm ta' infurzar u kontroll tagħha jkun is-suġġett tal-verifika;

1.3. awditur: il-Parti li timporta li tagħmel il-verifika;

1.4. stabbiliment: impjant ta' ipproċessar ta' annimali jew prodotti minn annimali;

1.5. faċilità: sit li m'huwiex impjant ta' ipproċessar fejn annimali jew prodotti minn annimali jistgħu jiġu mmaniġġjati, ħlief stabbilimenti ta' bejgħ jew xiri bl-imnut.

2. **Prinċipji ġenerali**

2.1. L-awditur u min issrlu l-verifika għandhom jikkooperaw biex isiru l-verifiki skond id-dispożizzjonijiet mogħtija f'dan l-Anness. It-tim verifikatur għandu jinkludi rappreżentanti kemm ta' l-awditur u kemm ta' min tkun se ssirlu l-verifika, u min tkun se ssirlu l-verifika għandu jinnomina l-persunal responsabbli għall-iffaċilitar tal-verifika. Prattiki professjonali speċjalizzati jistgħu jinħtieġu biex issir verifika ta' sistemi u programmi speċjalizzati.

2.2. Il-verifiki għandhom ikunu maħsuba biex jiċċekkjaw l-effikaċja tal-programm ta' infurzar u kontroll ta' min tkun qed issirlu l-verifika aktar milli biex jiġu rifjutati annimali individwali, kunsinni ta' ikel jew stabbilimenti.

2.3. Min tkun se ssirlu l-verifika jrid iħaddem programm dokumentat biex juri lill-awditur li l-istandards ikunu qed jintlaħqu konsistentement.

2.4. Il-frekwenza tal-verifiki għandha tkun ibbażata fuq il-prestazzjoni tal-Parti li tesporta fit-twettiq tal-programm tagħha ta' infurzar u kontroll. Prestazzjoni ta' livell baxx għandha tirriżulta f'verifiki aktar frekwenti, per eżempju biex jiġi żgurat li prestazzjoni mhux sodisfaċenti tkun ġiet ikkoreġuta.

2.5. Il-verifiki, u d-deċiżjonijiet ibbażati fuqhom, għandhom isiru b'mod trasparenti u konsistenti.

PROCEDURI

3. **Il-preparazzjoni tal-pjan ta' verifika**

F'konsultazzjoni ma' min tkun se ssirlu l-verifika, l-awditur għandu jipprepara pjan ta' verifika li jkopri l-punti li ġejjin:

3.1. is-suġġett, il-profondità u l-ambitu tal-verifika;

3.2. id-data u l-post tal-verifika, u t-tip ta' kull stabbiliment jew faċilità li jkunu se jiġu spezzjonati biex ikunu jistgħu jintgħażlu membri adattati għal fuq it-tim ta' verifika;

3.3. skeda taż-żmien li testendi sa, u tinkludi, il-preżentazzjoni tar-rapport finali;

3.4. l-ilsien jew l-ilsna li bihom tkun se ssir il-verifika u r-rapport ikun se jiġi miktub;

3.5. l-identità tal-membri tat-tim ta' verifika, inkluż il-mexxej;

3.6. skeda ta' laqgħat ma' uffiċjali u żjajjar fi stabilimenti jew faċilitajiet, inklużi żjajjar mhux avżati, kif xieraq;

3.7. dispożizzjonijiet biex tiġi rrispettata l-kunfidenzalità kummerċjali u biex jiġu evitati konflitti ta' interessi.

4. **Il-laqgħa tal-ftuħ**

Għandha ssir l aqgħa tal-ftuħ mir-rappreżentanti taż-żewġ Partijiet. F'din il-laqgħa l-awditur irid janalizza l-pjan ta' verifika mill-ġdid u jikkonferma li riżorsi u dokumentazzjoni adegwati huma disponibbli u li l-arranġamenti kollha meħtieġa biex issir il-verifika ikunu saru.

5. **L-analiżi mill-ġdid tad-dokument**

5.1. L-analiżi mill-ġdid tad-dokument tista' tinkludi, per eżempju, dan li ġej:

— rekords dwar programmi ta' konformità,

— rapporti ta' spezzjonijiet u verifiki interni,

— dokumentazzjoni dwar azzjonijiet korrettivi u sanzjonijiet,

— records ta' azzjonijiet ta' konformità mittieħda,

— pjanijiet ta' teħid ta' kampjuni u r-riżultat tagħhom,

— dokumenti assoċjati mal-verifika,

— proċeduri regolatorji segwiti minn min tkun saritlu l-verifika.

5.2. Fil-każ ta' verifika sussegwenti għal determinazzjoni ta' ekwivalenza, l-analiżi tad-dokument tista' tikkonsisti f'analiżi ta' tibdil relevanti fis-sistemi ta' spezzjoni u ċertifikazzjoni wara d-determinazzjoni ta' ekwivalenza jew wara l-verifika preċedenti.

5.3. Min tkun qed issirlu l-verifika jrid jikkoopera bis-sħiħ ma' l-awditur fil-proċess ta' analiżi tad-dokument u jiżgura li l-awditur ikollu aċċess għad-dokumenti u rekords mitluba.

6. **Verifika fuq il-post**

6.1. Id-deċiżjoni li ssir verifika fuq il-post għandha tikkonsidra fatturi bħal riskji assoċjati ma' l-annimali jew prodotti minn annimali involuti, l-istorja ta' konformità mal-ħtiġiet tas-settur industrijali jew pajjiż esportatur, il-volum prodott u importat jew esportat, tibdil fl-infrastruttura u n-natura tas-sistemi ta' spezzjoni u ċertifikazzjoni.

6.2. Il-verifika fuq il-post tista' tinvolvi żjajjar fi stabbilimenti fejn isiru l-produzzjoni u l-fabbrikar, faċilitajiet, postijiet fejn l-ikel jiġi mmaniġġjat jew maħżun u laboratorji ta' kontroll biex tiġi ċċekkjata l-akkuratezza ta' l-informazzjoni fil-materjal dokumentarju riferit fil-punt 5.1.

6.3. Meta jiġu ċċekkjati stabbilimenti jew faċilitajiet, min tkun qed issirlu l-verifika jrid jiċċekkja l-istabbiliment jew faċilità filwaqt li jsegwi l-proċeduri tiegħu tas-soltu u l-awditur ġeneralment jipparteċipa bħala osservatur, għalkemm huwa liberu li jiċċekkja aspetti oħra tal-prestazzjoni jekk jikkonsidra li dan jinħtieġ.

6.4. Min tkun qed issirlu l-verifika jrid jikkoopera bis-sħiħ ma' l-awditur fil-proċess tal-verifika fuq il-post u jiffaċilita d-dħul ta' l-awditur fl-istabbilimenti u faċilitajiet li jkunu s-suġġett tal-verifika fuq il-post.

7. **Verifika ta' tkomplija**

Verifika ta' tkomplija tista' ssir biex tiġi verifikata l-korrezzjoni ta' nuqqasijiet identifikati f'verifika preċedenti.

8. **Dokumenti ta' ħidma**

Id- dokumenti ta' ħidma jistu jinkludu listi ta' elementi li jridu jiġu valutati, bħal dawn li ġejjin:

— il-leġislazzjoni,

— l-istruttura u l-operat tas-servizzi ta' spezzjoni u ċertifikazzjoni,

— l-istruttura, il-konfigurazzjoni, l-operat u l-proċeduri ta' ħidma ta' l-istabbiliment u l-faċilità,

— l-istatistika tas-saħħa, il-pjanijiet ta' teħid ta' kampjuni u r-riżultati,

— azzjoni u proċeduri ta' konformità,

— proċeduri ta' rappurtaġġ u maniġġjar ta' lmenti,

— programmi ta' taħriġ.

9. **Il-laqgħa ta’ l-għeluq**

Għandha ssir laqgħa ta’ għeluq mir-rappreżentanti taż-żewġ Partijiet, inklużi l-uffiċjali responsabbli għall-programmi ta’ spezzjoni u verifika ta’ min tkun qed issirlu l-verifika. F'din il-laqgħa l-awditur irid jippreżenta r-riżultat tal-verifika. L-informazzjoni għandha tiġi preżentata b’mod ċar u konċiż sabiex il-konklużjonijiet tal-verifika jinfthiemu sewwa.

10. **Ir-rapport tal-verifika**

L-awditur għandu jipprovdi lil min tkun saritlu l-verifika abbozz ta’ rapport tal-verifika ġeneralment fi żmien 60 jum mit-tmiem tal-verifika. Sa fejn hu possibbli, ir-rapport għandu jkun ippreżentat f'format standardizzat li jrid jiġi miftiehem mill-Partijiet biex l-istruttura tal-verifika tkun aktar uniformi, trasparenti u effiċjenti. Ir-rapport irid jistma s-suffiċjenza tal-programm ta’ infurzar u kontroll ta’ min tkun saritlu l-verifika u jidentifika kull nuqqas innutat waqt li kienet qiegħda ssir il-verifika. Imbagħad, min tkun saritlu l-verifika jista’ fi żmien 60 jum, jikkummenta fuq l-abbozz tar-rapport u għandu jiddeskrivi kull azzjoni korrettiva speċifika li trid tittieħed, preferibbilment bid-dati mmirati għat-tlestija. Kull kumment magħmul minn min tkun saritlu l-verifika għandu jiġi inkluż fir-rapport finali.

*L-ANNESS VII*

**KONTROLLI FUQ IL-FRUNTIERA**

Il-Partijiet jirrikonoxxu d-distinzjoni bejn kontrolli ta' dokumentazzjoni, ta' identità u kontrolli fiżiċi magħmula fuq il-fruntieri esterni fuq annimali ħajjin u prodotti minn annimali.

Il-Partijiet jirrikonoxxu wkoll il-ħtieġa li jagħmlu l-kontrolli fuq il-fruntiera b'mod sistematiku.

Iż-żewġ Partijiet jaqblu li jista' jkun hemm piżijiet għal dawn il-kontrolli, f'konformità mad-dispożizzjonijiet relevanti ta' l-Anness C tal-Ftehim.

**Annimali ħajjin**

Il-Partijiet jistgħu jagħmlu kontrolli fiżiċi fuq kull kunsinna ta' annimali ħajjin.

**Prodotti minn annimali**

Fl-iffissar tal-frekwenza tal-kontrolli fiżiċi tagħhom, il-Partijiet għandhom iqisu kif jixraq il-kontrolli magħmula mill-Parti li tesporta qabel l-esportazzjoni u l-prestazzjoni storika tal-prodotti importati mingħand il-Parti li tesporta.

Il-Partijiet jistgħu jimmoderaw il-frekwenza tal-kontrolli fiżiċi tagħhom, notevolment fid-dawl tal-progress magħmul lejn ir-rikonoxximent ta' l-ekwivalenza fil-proċess konsultattiv provdut fl-Artikolu 7.

*L-ANNESS VIII*

**KWISTJONIJIET OĦRA**

Il-Partijiet jaqblu li jaħdmu biex jiżviluppaw aktar l-arranġamenti li jikkonċernaw kontrolli fuq il-fruntiera, inkluża l-frekwenza ta' kontrolli fiżiċi.

Il-Partijiet jaqblu li jaħdmu flimkien fuq l-arranġamenti rispettivi tagħhom dwar addittivi alimentari, għalf ta' l-annimali, għalf immedikat u taħlitiet lesti.

*L-ANNESS IX*

**IL-PUNTI TA' KUNTATT**

Il-USA trid tibgħat l-informazzjoni provduta fl-Artikolu 10, u tagħmel in-notifiki provduti fl-Artikolu 11, lil:

Il-Kunsillier ta' l-Agrikoltura
L-Unjoni Ewropea
Id-Delegation tal-Kummissjoni Ewropea fl-Istati Uniti
2300 M Street NW
Washington DC 20037
Tel. 1 202 862 9560
Fax 1 202 429 1766

Il-Komunità trid tibgħat l-informazzjoni provduta fl-Artikolu 10, u tagħmel in-notifiki provduti fl-Artikolu 11, lil:

L-*Attaché* ta' l-Agrikoltura
L-Uffiċċju ta' l-Affarijiet Agrikoli
Il-Missjoni tal-US għall-Unjoni Ewropea
40 Blvd du Regent
B-1000 Brussel
Tel. 32 2 508 2760
Fax 32 2 511 0918